

# MADONNA TA' PINU

**MADONNA TA' PINU**

perjodiku ta' kull tlett xhur

Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba mhumiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.

---

Kull korrispondenza għandha tkun indirizzata hekk:

L-Editur,

"Madonna Ta' Pinu"

Ċentru Kulturali Marjan

Ta' Pinu, Għawdex.

Nru. tal-Tel.: 556187

---

Abbonament għal sena:

Lokali: 60c

Barra minn Malta: £M1.

**INTENZJONI TA' DIN IL-ĦARĠA**

Biex din ir-Rivista sservi ta' ġid spiritwali lil dawk li jaqrawha.

Gozo Press.

SENA I — Nru. 1

Jannar — Marzu 1980.

---

**F'DIN IL-ĦARĠA:**


* Messaġġ mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi 1
* Il-Kelma tar-Rettur 2
* Ittra tal-Papa Pawlu VI lir-Retturi tas-Santwarji Marjani 3
* Id-Devozzjoni tal-Għawdxin lejn il-Madonna. Għaliex? 6
* Marija Immakulata Kapolavur tal-Ħolqien u Reġina ta' Qalbna 10
* Edith Stein 12
* Pausing, after Twenty Centuries, at the Foot of the Cross 17
* Kronaka tas-Santwarju 20
* Marija u l-Magnificat 24
* Festi Marjani fil-Kalendarju Liturġiku matul iż-żminijiet 27
* Ftit kliem ... Ħafna Tagħlim dwar ir-Rużarju 31
* Fejn hemm l-Imħabba hemm Alla 32


---

**STAMPA TAL-QOXRA:**

L-Istampa tal-qoxra turi l-Kwadru Mirakuluż li minnu l-Madonna ta' Pinu kellmet littwajba Karmela Grima fit-22 ta' Ġunju, 1883. Dan il-kwadru, xogħol tal-pittur Amadeo Perugino, tpitter fis-sena 1619. Din ix-xbieha tal-Madonna ġiet inkurunata mill-Kardinal Alessio Lepicier fil-1935.



# Messagg Mill-E.T. Mons. Isqof Nikol G. Cauchi

*Il-kittieba tal-Knisja Kattolika kienu jgħidu "De Maria numquam satis". Qatt ma nkunu għidna biżżejjed dwar il-Madonna. It-tagħlim dwarha qatt ma jispiċċa jew jintemm. Barra min hekk kull nisrani, li għandu vera devozzjoni lejn din l-Imqaddsa Omm tagħna, jieħu gost jisma u jaqra dwarha u dejjem isib xi ħaġa ġdida x'jitgħallem minnha.*

*Fil-gżejjer tagħna, wieħed mill-postijiet privileġġjati fejn l-insara jagħtu qima kontinwa lill-Sidtna Marija, huwa s-santwarju ta' Pinu. Kulħadd fostna ftit jew wisq għandu għal qalbu dan il-post għażiż, xhieda tad-devozzjoni tal-Maltin u l-Għawdxin lejn il-Verġni Mbierka.*

*Dan il-perjodiku jenħtieġ jilħaq żewġ skopijiet: li jagħti tagħlim organizzat dwar il-Madonna u li jżomm il-qarrejja informati bl-attivitajiet li jkunu jitwettqu fis-Santwarju tagħha.*

*Nittamaw li bil-għajnuna t'Alla u ta' Ommu Marija Santissima kif wkoll bil-koperazzjoni tad-devoti tas-Santwarju ta' Pinu, dawn iż-żewġ skopijiet jiġu milħuqa.*

*† Nikol G. Cauchi*
*Isqof ta' Għawdex.*
*30 - 3 - 1980*

# Il-Kelma tar-Rettur

Minn mindu l-Omm tagħna Marija għoġobha titfa' l-ħarsa tagħha fuq il-Kappella ċkejkna Ta' Pinu, dawk li kienu responsabbli minnha ħassew il-bżonn li leħen il-Madonna ma jibqax magħluq qalb l-erba' ħitan tagħha, imma jitferrex ukoll ma' kull rokna tal-gżejjer Maltin.

Tlitt snin biss, wara li Marija sejħet lil qaddejja tagħha Karmni Grima, bdiet tiġi ppublikata r-revista tas-Santwarju, li barra li kienet tagħti tagħrif fuq is-Santwarju, kienet ukoll twassal lill-qarrejja tagħlim fuq il-Madonna. Imma din ir-revista, li kienet ippubblikata għal ħafna snin, għalkemm taħt diversi ismijiet, "Il-Messaġġier ta' Marija", "Id-Devot ta' Marija" u "Il-Madonna ta' Pinu", kellha tieqaf fis-sena 1940.

In-nuqqas ta' dan il-perjodiku dejjem ħalla vojt fil-ħajja tas-Santwarju, iżda forsi qatt daqs fi żminijietna ma nħass il-bżonn li din ir-revista terġa tiġi f'idejn il-poplu, biex Marija terġa toqrob lejna, u tidħol ġo darna biex tgħallimna, tikkonsolana u tħarisna. It-tixrid tal-vizzju, t-tħassir tal-kostumi, l-uqiegħ tal-moralità wasslu l-parti l-kbira tal-umanità biex twarrab għall-ġenb il-valuri spiritwali u taqa' għal ġid effimeru biex tissodisfa l-istint egoista tagħna. U b'konsegwenza ta' dan, minflok li qegħda tersaq lejn l-hena u l-paċi li tant tixtieq, aktar qegħda titbiegħed minnhom. Kulma jmur għalhekk, aktar qed jinħass il-bżonn li l-bnedmin kollha jgħarfu n-neċessità ta' dak li huwa spiritwali.

Il-Papa Giovanni Pawlu II, fl-aħħar tal-Enċiklika tiegħu "Redemptor Hominis", wara li semma l-parteċipazzjoni ta' Marija fil-pjan tas-Salvazzjoni tal- bnedmin u qal li l-imħabba eterna tal-Missier toqrob lejn kull wieħed minnha permezz ta' din l-Omm u b'hekk kull bniedem aktar ikun jista' jifhimha u jgawdi minnha, jkompli jgħid, "Għalhekk Marija għandha tkun preżenti fit-toroq kollha tal-ħajja ta' kull jum tal-Knisja". Marija aktar qiegħda issir neċessarja biex turina l-possibiltà li kull bniedem għandu f'din id-dinja li jkun segwaċi ta' Kristu waqt li jibqa' mpenjat imma mhux maħtuf minn dak li huwa tad-dinja.

Biex is-Santwarju jwettaq id-dmir li għandu li jwassal mhux biss bil-kelma imma anke bil-kitba tagħlim fuq Marija, sejrin nerġgħu nibdew nippublikaw il-perjodiku tas-Santwarju taħt it-titlu ta' "Il-Madonna ta' Pinu".

Għaldaqstant nitlob lil dawk kollha li tiġi f'idejhom din ir-revista biex jgħamlu talba żgħira ħalli l-Mulej ibierek lil dawk kollha li għenu biex din ir-revista terġa tibda tiġi ppublikata u biex fil-ġejjieni ma jonqsux dawk li jgħinuna bit-talb, bil-kitba jew b'xi għamla ta' għajnuna oħra u hekk ilkoll kemm aħna, filwaqt li nkomplu nkabbru l-ġieħ tal-Omm tagħna Marija, nikkollaboraw magħHa aħna wkoll fil-pjan tas-salvazzjoni.

MONS. BENEDITT CAMILLERI.



# Ittra tal-Papa Pawlu VI lir-Retturi tas-Santwarji Marjani

MIĠJUB GĦALL-MALTI MILL-KAN. PREP. DUN SALV CAMILLERI

**Jekk il-Providenza, b'mod mirabbli, ta' spiss żejnet is-Santwarji Marjani b'xi ħaġa partikulari, mhix forsi biex tgħin kemm lir-rgħajja kemm ukoll lill-fidili biex jirrikorru b'aktar kunfidenza u kuraġġ għall-interċessjoni ta' Marija f'kontemplazzjoni mimlija kollha mħabba fuq il-misteru tagħha?**

Lill-folol li, illum, kif kienu jagħmlu fl-imgħoddi, jinġabru f'dawn il-postijiet li jfakkruna b'mod hekk ċar f'dak li hu tas-sema, intom li intom tassew il-ministri kif ukoll l-għassiesa tagħhom, aħdmu biex iġġibu 'l quddiem id-devozzjoni vera lejn Dik li tat 'il Kristu lill-bnedmin. Mexjin fuq it-twissijiet tal-Konċilju, wissu lill-pellegrini biex jistmaw dawk id-devozzjonijiet lejn l-Madonna li l-Knisja rrikkmandat tul il-mixja tas-snin, li fosthom jispikka r-Rużarju li jgħaqqad lil Ġesù u lil Marija fl-istess talba. Iżda aħna nwissukom ukoll biex iġġibu għad-dawl il-post li Marija għandha fil-qima Liturġika, u wisq aktar biex turu fiha "ix-xempju tal-virtù li tiddi quddiem il-kommunità kollha tal-magħżulin", u turuha "fid-dawl tal-Kelma li saret bniedem". Hija li "għas-sehem tagħha mill-qrib fl-istorja tas-salvazzjoni, tgħaqqad u tirrifletti, b'xi mod, fiha nnifisha l-kwalitajiet karatteristiċi tal-fidi tagħna".

Sewwa sew minn din il-konvinzjoni li twassalna biex nifhmu b'liema manjiera l-Omm ta' l-Iben t'Alla magħmul bniedem hija wkoll Ommna, toħroġ it-talba tal-fidili biex jiksbu l-għajnuna ta' Marija. Li temmen fi Kristu u li tirċievi l-grazzja tiegħu ma jissirx forsi li tkun ġisem wieħed miegħu u ssir, skond it-tagħlim ta' San Pawl, qisu l-kumplament ta' ġismu? F'kull azzjoni li minnha kellu bidu u żvilupp il-Ġisem Mistiku ta' Kristu kellha parti Marija. Ma tkomplix Hija tieħu sehem bl-interċessjoni ta' verament Omm f dan it-tkabbir tal-Knisja fl-ispazju u fiż-żmien, f'din l-għaqda tal-bnedmin kollha u f'dak kollu li hu tal-bnedmin fi Kristu, għaqda li hija l-istess kontinwazzjoni tal-opra tas-salvazzjoni mibdija f'qalbha u fi ħdanha?

Żguri mill-għaqda magħna ta' Ħutna kollha fl-Episkopat, Aħna nemmnu li hu ta' siwi li nwissu llum, permezz tagħkom, lill-fidili li jiffrekwentaw is-Santwarju tagħkom biex jitolbu b'iktar ħeġġa lill-Verġni Marija għall-Knisja u għad-dinja. Il-bnedmin tal-lum jinsabu jixxenglu bejn t-tamiet l-aktar sfiqa tad-dinja u l-biża' tal-periklu li, fil-ħsieb tagħhom, qegħda tersaq lejh is-soċjetà tal-lum. F'dan il-mument — ma ninsewx — kemm artijiet fid-dinja qiegħda tħeġġeġ fihom il-gwerra. Id-dehra stess tal-progressi tal-bniedem, li xi drabi jidhru riservati lil xi popli u lil xi klassijiet privileġġjati, għalkemm ma jissodisfawhomx, qed tagħmel dejjem aktar issapportabbli l-faqar ta' numru kbir ta' nies.

Madanakollu, qatt ma ġew offruti tant possibilitajiet hekk kbar lill-bnedmin biex jaslu għall-għaqda, għall-paċi u għall-hena; iżda dan ma jistax ikun possibbli mingħajr Alla. Ebda progress ma jagħti valur u hena lill-bniedem jekk il-Fidi f'Ġesù u f'dak li Ġesù għallimna ma ddawwalx ir-riċerki tiegħu. U din il-fidi u hija biss turi lill-bniedem dak li hu u dak li jista' jkun. Hija u hija biss tista' tnibbet l-imħabba fost il-bnedmin. Hija u hija biss tpoġġi l pedament tat-tama f'dak li huwa etern u twiegħed għal kull sforz tal-bniedem il-veru suċċess u rebħa fuq il-mewt.

Fil-qalba ta' l-istess Knisja, il-fidi ta' ħafna hija llum imħawda. M'hemmx dubju li, lil dawk li jridu jgħixu f'dinja u f'ċiviltà li qabdet it-triq tas-sekolarizzazzjoni, il-kontemplazzjoni mimlija mħabba tal-misteru ta' Marija, isservihom biex issaħħaħ il-fidi tagħhom fi Kristu. L-interċessjoni tal-Verġni Marija, f'dan il-każ, tikseb tifsira għal kollox partikulari. Infatti mhux proprju minħabba l-fidi tagħha li Hija s-simblu u l-mudell tal-Knisja?

"Henja dik li emmnet". Fost il-provi li Hija ġarrbet, il-fidi ta' Marija baqgħet dejjem sħiħa. Anke qabel ma fehmet sewwa, Hija aċċettat il-misteru tas-salvazzjoni u tal-istess Persuna tal-Feddej. Permezz tagħha, il-bnedmin kollha laqgħu lil Kristu, is-Salvatur tagħhom u ssieħbu miegħu fl-opra tiegħu ta' ħelsien. U hija ma tieqafx li tgħin lil kull wieħed minna li jerġa' jwettaq fih stess u għalih dan l-għemil ta' fidi u ta' rieda tajba.

Nitolbu, mela, lill-Verġni Marija li lill-insara tal-lum taqlagħl-hom fidi vera, qawwija, mimlija sabar u sħiħa fid-dubju u fil-prova, dik il-fidi li San Ġwann igħid li hija "ir-rebħa fuq id-dinja"; fidi li tkun qawwija u sħiħa bħal dik tagħha, u tkun ħaġa waħda mal-kunsens, mal-ubbidjenza u mal-imħabba, li ssir ħaġa waħda mal-verità kif uriha fih stess Binha Ġesù u waslet sħiħa lilna permezz tat-tradizzjoni ħajja tal-Knisja.

Nitolbuha li taqla' lis-suċċessuri ta' San Pietru u ta' l-Appostli u lil dawk kollha li, flimkien magħhom, huma ministri u xhieda tal-Kelma t'Alla — Hija li hija preżenti u qiegħda titlob fi ħdan il-kommunità apostolika nhar Għid il-Ħamsin — il-grazzja li jħabbru

l-Kelma t'Alla lill-bnedmin tal-lum bi kliem li jkun jista' jiftiehem minn kulħadd, imma bla biża' u bil-ferħ.

Għeżież uliedi, agħmlu minn kollox, mela, biex is-Santwarji tal-Madonna afdati f'idejkom, isiru dejjem aktar postijiet fejn isir talb għall-paċi, għall-għaqda, għall-hena tal-bnedmin kollha u, fuq kollox, biex dawn jilqgħu l-Kelma t'Alla u jwettquha matul ħajjithom kollha; postijiet ukoll li kull min iżurhom jitlaq minnhom imħeġġeġ bid-deċiżjoni li jaħdem bil-qawwa tiegħu kollha għall-paċi tad-dinja u għall-għaqda tal-Knisja.

Mill-Vatikan, 1 ta' Mejju, 1971.

Marija, il-mara l-Ġdida, hija qrib Kristu, ir-Raġel il-Ġdid. Fil-misterju tiegħu biss isib id-dawl il-misterju tal-bniedem. Hija mogħtija lilna bħala rahan u garanzija li fi ħlejqa safja, jiġifieri fiha (f'Marija), ġà seħħ il-pjan ta' Alla fi Kristu għall-fidwa tal-bniedem sħiħ. Il-Verġni Marija fid-dawl tal-ġrajjiet tal-Vanġelu u minħabba l-fatt li ġà qiegħda fil-belt ta' Alla, toffri dehra ċara u kelma ta' kuraġġ għall-bnedmin ta' żmienna, li ħafna drabi jkunu magħfusin bin-niket u t-tama, megħlubin mil-limiti tagħhom, u mifnija minn xewqat bla għadd, imħawdin f'ruħhom u b'qalbhom maqsuma, b'moħħhom inċert minħabba l-ħsieb tal-mewt, magħfusin għax iħossuhom weħidhom waqt li jridu jingħaqdu ma' ħaddieħor, vittmi tad-dispjaċir u ta' l-għali. Hija turi r-rebħa tat-tama fuq in-niket, tal-għaqda fuq is-solitudni, tal-paċi fuq it-taqlib, tal-ferħ u s-sabiħ fuq id-dwejjaq u d-dispjaċir, ta' l-eternità fuq din l-art, tal-ħajja fuq il-mewt.

Mill-"Marialis Cultus" tal-Papa Pawlu VI.

# MALTA MARJANA

## (1) ID-DEVOZZJONI TA' L-GHAWDXIN LEJN IL-MADONNA

KITBA: **DUN JOE BEZZINA**

Sa mill-ibgħad żmenijiet qalb il-poplu Għawdxi baqbqet b'imħabba tal-għaġeb lejn il-Madonna. L-istorja kbira ta' din il-gżira żgħira hi xhieda mill-aktar ċara ta' dan. Fi żmienna, is-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu iwassal dan il-fatt lil dawk li biex jemmnu jridu jaraw b'għajnejhom u jmissu b'idejhom. Ebda waħda mill-mijiet ta' knejjes u kappelli li għandna f'Malta u Għawdex ma tista' tiftaħar bi storja tant glorjuża daqs dik tal-Madonna Ta' Pinu. Iżda biex nifhmu ġrajjet Ta' Pinu, jeħtieġ qabel xejn nagħtu ħarsa ħafifa lejn l-ġrajja mlewna tal-gżira ta' Għawdex.

**Ir-Reliġjon nisranija f'Għawdex**

L-istorja ma tgħidilnix kif waslet ir-reliġjon nisranija fil-gżira Għawdxija. Nafu żgur li qrib Novembru tas-sena 60 wara Kristu, San Pawl, l-Appostlu tal-ġnus, ġarrab għarqa f'Malta. (1) Ir-reliġjon li San Pawl ħabbar lill-Maltin ma jistax ikun li damet ma waslet fostna. Ir-reliġjożità ta' l-Għawdxin kienet xi ħaġa tal-għaġeb. Minn meta bnew it-tempji tal-Ġgantija, il-fuq minn 2800 qabel Kristu, sat-tempju li telgħu lir-reġina ta' l-allat, Ġunone, f' nofs il-Kastell tal-gżira, madwar 200 sena qabel Kristu, l-Għawdxin qatt ma naqsu li jqimu xi divinità. (2) Għaldaqstant ma nistgħux niddubitaw li l-fehmiet reliġjużi li wassal Pawlu ma waslux fostna wkoll. U l-Għawdxin ma naqsux li jibnu - għalkemm ma nafux fejn - xi maqdes ċkejken biex jagħtu qima lil Alla veru.

Il-ġrajja ta' l-ewwel millenju ta' Kristjaneżmu f'Għawdex hi moħbija għal kollox. U jkollna naslu sas-seklu tlettax biex insibu l-ewwel tagħrif dokumentat dwar l-insara Għawdxin. Dik il-ħabta, il-ħakma Għarbija kienet ilha żmien sewwa li spiċċat. L-influss ta' l-Iżlamiżmu kien naqas sewwa u l-insara kienu bdew joktru. Fl-1241, il-mexxejja ta' dawn il-gżejjer, il-Hohenstaufen, ordnaw ċensiment li b'xorti tajba wasal sa żmienna. (3) minn dan jidher li minn 336 familja li kienu joqgħodu f'Għawdex, 203, ftit iktar minn nofs kienu nsara. Fl-1266, il-gżejjer għaddew taħt l-Angevini, u fl-1282 bdiet il-ħakma twila Aragoniża. Taħthom ir-reliġjon nisranija baqgħet miexja aktar il-quddiem.

**Id-devozzjoni lejn il-Madonna**

Il-qofol tal-ħajja nisranija tinsab fis-sehem tan-Nisrani fis-Sagramenti, l-għejjun tal-grazzja mwaqqfa minn Kristu nnifsu. Iżda, sa millbidu, il-Liturġija stgħaniet b'diversi ħwejjeġ oħra, fosthom b'devozzjoni lejn dik li nisslet l-awtur tas-sagra-

menti, il-Madonna. Id-devozzjoni lejha bdiet fil-lvant, iżda f'malajr xterdet mad-dinja nisranija kollha. Il-qofol ta' din il-qima tinsab fil-maternità divina, il-verità li Marija hija omm Alla. L-eqdem xbiha tal-Madonna, pittura ta' madwar is-sena 150 fil-katakombi ta' Prixilla, Ruma, turi proprju lill-Madonna b'binha Ġesù fi ħdanha flimkien mal-profeta Balaam. (4)

Għandna naħsbu li anke l-insara Għawdxin bdew iqimu lil Marija, u mal-mixja taż-żmien din kibret u tferrxet sewwa sew kif ġara fil-Knisja Kattolika mkejjen oħra. Ta' dan għandna ħjiel. L-eqdem Knisja li nafu biha f'Għawdex - il-Matriċi tal-Kastell, illum Katidral - kienet proprju dedikata lill-Madonna. U mill-erba' parroċċi t'Għawdex fil-bidu tas-seklu sittax, tnejn, l-imsemmija Matriċi u l-Parroċċa ta' Savina, kienu dedikati lil Santa Marija. (5)

Il-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Domenico Cubelles (1540-1560) fl-1545 tkompli ssaħħaħ dak li għidna. Jidher mill-Viżta, li f'Għawdex twettqet mill-Vigarju ta' l-Isqof Dun Ġużepp Manduca, li bosta mill-knejjes miżjura kienu msemmija lill-Madonna. (6)

Fl-1575, saret Viżta importanti ħafna mill-Viżitatur Apostoliku, Mons. Pietru Dusina. (7) Minkejja l-ħerba li kienu ħallew it-Torok fl-Assedju ta' Għawdex ta' Lulju 1551, il-Viżitatur żar 48 knisja. Sbatax minnhom, iktar minn terz, kienu dedikati lill-Madonna:

4 lill-Assunzjoni tal-Madonna

2 lill-Kunċizzjoni

2 lit-Twelid tal-Madonna

2 lill-Annunzjazzjoni tagħha

1 lill-Viżitazzjoni lil Santa Elizabbetta

7 taħt titli oħra: Santa Marija tas-Silġ, Santa Marija tal-Qasam, Santa Marija Verġni, Santa Marija tal-Ferħ, Santa Marija ta' Għajn Xejba u Santa Marija tal-Ġilju.

Dawn il-knejjes huma xhieda ċara tad-devozzjoni li kellhom l-Għawdxin lejn il-Madonna sa minn żmenijiet imbegħda, għax dawn il-knejjes żgur li nbnew matul diversi sekli. Mit-titulari tagħhom, jidher ukoll li l-Madonna qimuha l-iktar fil-misterju ta' l-Assunzjoni.

## L-Assunzjoni ta' Marija

Il-festa liturġika ta' l-Assunzjoni ta' Marija daħlet għall-ewwel darba fil-Knisja fil-Belt ta' Ġerusalemm qrib is-sena 450. Il-festa allura kienet imsejħa tad-Dormizzjoni jew ir-Raqda tal-Verġni Mqaddsa. Il-



Knisja Biżantina daħħlet il-festa lejn tmiem is-seklu sitta, meta l-Imperatur Mawrizju (582-602) ordna b'editt li l-festa tkun iċċelebrata kullimkien fil-15 ta' Awissu. Fil-Punent, il-festa daħlet matul is-seklu sebgħa, u mill-pontifikat tal-Papa Serġju (687-701), l-Assunzjoni saret

waħda mill-festi ewlenin tal-Madonna. (8)

Peress li dik il-ħabta Malta u Għawdex iktar kellhom relazzjonijiet mal-Lvant milli mal-Punent, u mhix ħaġa kbira li konna magħquda mal-Knisja Biżantina, il-festa ta' l-Assunzjoni aktarx daħlet kmieni fostna. Mill-ġdid ma nafu xejn fi żgur. Iżda hu sinifikanti ħafna li fl-1575 ,minn sbatax il-Knisja dedikati lill-Madonna, erba' huma ta' l-Assunzjoni u sitta oħra huma msejħa ta' Santa Marija.

Xhieda oħra tal-qima ta' l-Għawdxin lejn l-Assunta, hu t-titular qadim tal-Matriċi, xogħol Sqalli ta' madwar l-1500 magħmul skond l-istil tar-Rinaxximent bikri. Ix-xbiha prinċipali f'erba' mis-seba' kwadri li jiffurmaw il-polittiku, kif jissejjaħ kwadru ta' dix-xorta, hija l-Madonna. It-tlett kwadri tan-nofs, minn isfel għal fuq, jirrapreżentaw lill-Madonna b'binha Ġesù, iġifieri l-Maternità Divina, id-domma fundamentali tal-Marjoloġija; Santa Marija tielgħa s-Sema mdawwra mittnax l-Appostlu, il-kwadru ċentrali tal-polittiku, u fuq nett, l-Inkoronazzjoni tal-Madonna mit-Trinità Mqaddsa. Fil-ġnub isfel, jidhru San Pietru u San Pawl, wieħed kull naħa, u fuqhom, l-Anġlu Gabriel iħabbar lil Sidna Marija, in-naħa l-oħra, li ser issir omm Alla. (9) Hu wkoll sinifikanti li l-eqdem kwadru reliġjuż konservat fil-gżira ta' Għawdex għandu b'tema ċentrali tiegħu lill-Assunta.

Din il-ħarsa ħafifa lejn l-istorja tixhed ċar l-imħabba kbira ta' l-Għawdxin lejn il-Madonna. Minbarra li poġġew il-fiduċja tagħhom fiha permezz ta' talbhom, urew ukoll minn barra d-devozzjoni tagħhom lejha. Bnewlha knejjes fil-Kastell u fil-kampanja, taw ġidhom biex isseb-ħuhom u igħanuhom mill-aħjar li setgħu u, fit-testmenti tagħhom, qatt ma nsew iħallulhom mill-aħjar li kellhom. Mal-mixja taż-żmien, l-aqwa mħabba tagħhom lejn il-Madonna urewha fil-misterju ta' l-Assunzjoni tagħha fis-Sema. Fost dawn kellha tispikka *Il-Kappella ta' l-Assunta*, imsejħa *ta' Ġentile*, (10) jew *"Ta' Pinu"*, imtella' fl-għarb (vant) tal-ġġira fil-ħâra li ġġib l-isem ta' Għammar.

*Dan huwa l ewwel fost sensiela ta' artikli fuq id devozzjoni lejn il-Madonna fil-Gżejjer Maltin.*

## RIFERENZI:


1. Cf. **Atti ta' l-Appostli,** 28, 1.
2. Victoria, **G(ozo) P(ublic) L(ibrary),** ms. 243: G.P.F. AGIUS DE SOLDANIS, **Il Gozo Antico-moderno e Sacro-profano — 1746).**
3. Cf. E. WINKLEMANN, **Acta Imperii Inedita Saeculi XIII,** Innsbruck 1880, 714.
4. Cf. VINCENT CRONIN, **Mary portrayed,** Worcester 1968, 8 - 11.
5. Cf. GODFREY WETTINGER, **Il-ġrajja bikrija tal-Knisja Matriċi ta' Għawdex, 1435-1551,** Malta 1975, passim.
6. Mdina, **A(rchivum C(athedrale M(elitense),** Regestum Actorum 36 (1541-1556) 237r-241v.
7. Victoria, **GPL,** ms. 244, **Visitatio Pastoralis . . . P. Dusina.**
8. Cf. GABRIELE M. ROSCHINI, **Dizionario di Mariologia,** Roma 1961, 68.
9. Cf. JOE BEZZINA, **It-Titular tal-Katidral tul iż-żmien,** f' **L-Inkoronazzjoni ta' l-Assunta — 1975,** ed. J. Bezzina, Gozo 1976, 68-.
10. Victoria, **GPL,** ms. 244, 271.



# "GHALIEX?"

Għaliex kull meta ħdejk, Marija, niġi,
nilmaħlek fuq ħaddejk demgħat ċkejknin ċkejknin?
Għaliex kull meta għajnejja jmorru fuqek,
għajnejk nilmaħhom dejjem miksurin?

Għaliex kull meta leħnek issemmagħli
inħossu ta' kull darba qed jirtogħod?
Għaliex kull meta għal ftit Inti tkellimni
il-leħen ħelu nisma' jnin bil-mod?

Jien naf għaliex dad-dmugħ, għalfejn qed tibki
u taħsel dawk ħaddejk b'qatriet safjin;
jien naf għaliex dik qalbek hija mnikkta
u naf ukoll għax leħnek qed inin.

Fil-ħarsa ħelwa tiegħek fuq id-dinja,
tinsab imwarrba għal kollox mill-bnedmin:
Kulħadd insiek, kulħadd fil-ġenb iżommok,
bidluk ma' hena fieragħ, imsejknin!

**FR. JOE MEJLAK.**



# Marija Immakulata Kapolavur tal-Holqien u Regina ta' Qalbna

Minn

**ALEXANDER BONNICI**
**O.F.M. Conv.**

Il-Mulej Ġesù ġie fid-dinja biex lilna jifdina mill-ħtija li konna waqajna fiha u sabiex jagħtina l-għajnuna tiegħu biex nibqgħu ngħixu f'imħabbtu. Hu għaqqad miegħu mara biex tkun l-istess Omm tiegħu. Din hi Marija. Meta għażilha sabiex tkun l-Omm tiegħu, lilha Hu, mhux biss taha dinjità li bniedem ma jistax joħlom fiha, imma għaqqadha wkoll miegħu fl-istess opra tal-fidwa tagħna l-bnedmin. Biex iseħibha miegħu f'din il-fidwa, kien hemm bżonn fuq kollox li Hi ma tkunx imċappsa bid-dnub bħall-bnedmin l-oħrajn kollha.

F'ġabra ta' ftit kelmiet, sejrin naraw xi tfisser din id-dinjità li Alla għoġbu jagħti lil Marija. Fuq kollox, sejrin infissru dan li ġej: a) X'ġieb miegħu d-dnub li lkoll kemm aħna waqajna fih. b) Fit-tieni argument, nidħlu fil-qasam ta' l-istorja u, minn ġrajjiet l-Ordni Franġiskan, nagħżlu t-taqbida glorjuża li ħadet mijiet ta' snin biex il-kobor ta' l-Immakulata jitqiegħed quddiem il-bnedmin fid-dawl veru tiegħu. c) It-tielet studju tagħna jkun mibni fuq l-argumenti li l-Knisja tqiegħed quddiemna biex aħna nħossu d-dmir li lil Marija nqimuha bħala Immakulata.

1. **Il-Ħtija, il-Bniedem, u Marija**

Il-bniedem, min-natura tiegħu, hu nieqes mill-kontroll fuqu nnifsu. Orazju, poeta kbir ta' Ruma, kiteb kelmiet li kulħadd jista' jgħid li huma tiegħu: **"Jiena nara t-tajjeb, u naqbel miegħu; imma nara l-ħażin u nitkaxkar warajh".** Madanakollu, għalkemm nagħmel il-ħażin, jiena ma nħossx fih ħlief is-sodisfazzjon tal-mument. Wara li nsib is-sodisfazzjon fil-ħażin, lili jibqagħli t-tingiż tal-kuxjenza.

Il-qalb tal-bniedem ma ssibx serħan lanqas jekk ikollha l-hena kollu tad-dinja. Santu Wistin li, għal xi żmien, għex il-ħajja tal-

pjaċiri tad-dinja, kellu jistqarr: **"Mulej, int ħlaqtna għalik, u l-qalb tagħna ma tistrieħx ħlief fik".**

Kif il-bniedem iħoss li għandu jagħmel it-tajjeb, anki jekk ma jagħmlux, bl-istess mod in-Nisrani jħossu miġbud lejn Marija. L-insara jistgħu ma jaqblux bejniethom dwar il-kobor ta' Marija. Imma ħadd qatt ma qal li lilha ma tistħoqqilhiex il-qima tagħna.

Il-Patrijarka ta' Kostantinopli Nestorju, fil-bidu tal-ħames seklu, qal li Marija ma tistax tissejjaħ Omm Alla, imma Omm Kristu bħala bniedem. Kien hemm xi nies għorrief li qablu miegħu meta ħasbu li qegħdin iħaddmu moħħhom. Imma t-tagħlim tiegħu ma ngħoġobx mill-poplu sempliċi għaliex fehem li dawk il-kelmiet kienu qed inaqqsu mill-imħabba li tistħoqq lil Marija.

Meta l-Konċilju ta' Efesu, fis-sena 431, ikkundanna lil Nestorju, u ddikjara li Marija hi tassew Omm Alla, il-poplu laqa' dak it-tagħlim b'ferħ mill-iżjed kbir. Bix-xemgħa u l-fjakkli jixegħlu, il-poplu mar jilqa' l-Isqfijiet tal-Konċilju, u wassalhom f'dimostrazzjoni saddjar tagħhom.

Dik l-istess xena, wara ħafna mijiet ta' snin, reġgħet saret għal darb'oħra meta l-Papa Ġwanni XXIII, fil-11 ta' Ottubru, 1962, festa ta' Marija Omm Alla, fetaħ il-Konċilju Vatikan II.

Il-poplu nisrani ta' kull żmien ħadha kontra dawk il-bnedmin li, b'xi mod, azzardaw inaqqsu xi ħaġa lil Marija. Hekk ġara meta bniedem jismu **Elvidju** ssogra jgħid li Marija ma baqgħetx Verġni meta tat it-twelid lill-Iben Divin tagħha.

Kien għad fadal ħafna biex Marija tiġi ddikjarata Immakulata. Imma d-dinja nisranija dejjem xtaqet li l-Knisja ma ċċaħħadx dan it-titlu lil Marija. L-għaref **Petavio** ħass li ma kellux f'idejh dokumenti biżżejjed biex jiddefendi l-Immakulata; imma hu ħass ukoll li kellu jimxi b'għaqal kbir għaliex il-poplu lanqas biss ma kien jiddubita jekk Marija hix Immakulata.

Il-kbir Santu Wistin ta sehem immens lill-Knisja fi problemi mill-iżjed diffiċli: bħalma huma dawk tal-grazzja u tal-predestinazzjoni. Imma hu ħass ukoll li kien qed isibha diffiċli biex jgħallem fil-beraħ li Marija hi Immakulata. Dan id-Duttur għaref ma satax jiddefendi dan il-privileġġ; imma hu ma ried jikteb xejn kontra l-Immakulata. Għalhekk, hu fisser ruħu b'dan il-mod: **"Meta jiena nitkellem fuq id-dnub, bl-ebda mod ma rrid indaħħal lil Marija, għall-qima li għandu jkollna lejn il-Mulej".** Santu Wistin deher konvint li hu ma kellux jitkellem kontra t-tnissil immakulat ta' Marija għaliex kien jiġrilu li l-poplu ma joqgħodx għall-kelmiet tiegħu.

Biż-żmien, il-problema tat-tagħlim baqgħet tinħass. **San Bernard,** dawl u glorja tal-Knisja u devot kbir ta' Marija, ħadha kontra l-festa ta' l-Immakulata. Għalkemm iż-żmien tat-Teoloġija Skolastika żżommu bħala wieħed mill-orakli tagħha, hu ma għarafx jaqsam mal-poplu l-fidi tiegħu f'Marija Immakulata.

Anki l-istess San Tumas, xemx tat-Teoloġija, ma setax jegħleb id-diffikultajiet dwar l-Immakulata. San Tumas bena t-tagħlim tiegħu fuq San Pawl. Aħna l-bnedmin ma għandniex ħlief Medjatur wieħed: li hu Sidna Ġesù Kristu. Għalhekk, Marija ma tistax ma tkunx mifdija minn Kristu. Imma, kif tista' tkun bla dnub tan-nisel jekk Hi wkoll ġiet mifdija minn Kristu? Is-soluzzjoni li ma sabx San Tumas, sabuha għorrief oħrajn bħalma kienu Sant'Anselmu u Ġwanni Duns Skotu.

# Edith Stein

## Another Tragedy At Auschwitz

**Mary - Eunice**

Sister Teresa Benedicta of the Cross was a convert to the Catholic faith and a Carmelite Nun. She entered the Carmelite Convent in Cologne, Germany, in 1933 and took her final vows on April 21, 1938. The Superior at the convent told her that besides prayer and meditation, writing would be her work. She set about doing so and much of her material was published. Some of it was lost in her travels to avoid imprisonment in the Nazi concentration camps. Sister Teresa Benedicta wrote **The Mystery of Christmas, Eternal and Infinite Being, Science of the Cross** and many other articles and hymns. Hilda Graef in one of her articles mentioned: "Edith had been an ardent feminist, but under the influence of the Church's teaching she gradually modified her views. In all her essays and conferences she takes the Mother of God as the ideal of Christian womanhood and presents her as a model not only for the married woman and the nun, but also for the woman in a professional career and the girl with a job in an office or factory. The centre of all her teaching on the subject is the plea for a more interior, a more deeply Christian life in whatever position a woman may find herself."

Those that enter the Carmelite Cloister must have a great love for the Blessed Mother as stated by their wise Foundress, St. Teresa of Avila. In truth, Our Lady is the "Spiritual Mother" of all of us, as Our Lord, Jesus, made known while hanging on the Cross. There have been many faithful Religious Sisters in the Carmelite Order, but what makes Sister Teresa Benedicta different is that she was born in Breslau, Germany, of a devout Jewish family on October 12, 1891, the Feast of the Atonement, a very important day for all Jews. She was put to death with her sister, Rosa, in the gas chamber at Auschwitz where many lost their lives because of Jewish ancestry and because of religious bigotry.

Edith Stein was the youngest member of the family but when she was two years of age, her father, who was in the timber business, died. Her mother, Auguste Stein, was a shrewd business woman and she took over the business. The family prospered. Yet the mother being very wise, knew that each of her children should receive an education. Therefore, one became a doctor, another a banker, another a teacher, one was a housewife, and one an accountant. Edith's brothers and sisters were not only intelligent, but of very fine character.

Their household was surrounded by Jewish tradition. Many paintings on the walls showed scenes of the Bible. They were proud of their heritage. The mother observed the Jewish rites. Prayers at the table were said in Hebrew. Yet the children were not all pious Jews in the sense of the Old Testament. Edith often mentioned how with her own free will she gave up prayer in her sixteenth year. She read a great deal

and her mind was active so she read much on philosophy. It wasn't long before she called herself an atheist. Later, she would write: "To study philosophy is to walk on the edge of the abyss."

In 1915, she spent 6 months nursing wounded soldiers in the Red Cross Hospital. She felt it her patriotic duty. Yet her mother did not wish it. But Edith remarked, "My mother opposed me vigorously. To prevent me from going to the hospital, she told me that soldiers always came from the front with lice. When this attack had no effect on me, she said, 'You will never go without my consent!' I answered. 'Then I shall have to go without your consent.' "

Edith left Breslau for Gotha, entering the university in which Dr. Edmund Husserl taught theoretic phenomenology. She became his prize student, then eventually received her Doctorate in Philosophy and became the assistant of her famous teacher. Edith's mother sent a letter of congratulations but also mentioned: "It would give her more joy if Edith gave thought to God to whom she owed her success."

Edith knew it was true that philosophy was not the answer to all things. She made the acquaintance of a convert who introduced her to Christianity. Once she went into a Catholic church to study symbols and possibly some of the more renowned statues of the saints. Yet what made her think was the faith of an elderly peasant lady with her Rosary, praying at the feet of a statue of the Blessed Mother. This woman seemed more secure in her poverty than many of the great intellects Edith had come into contact with at the university. Then there was Adolf Reinach, also of the famous university, who with his wife was converted to Protestantism. Adolf Reinach went to the front as a volunteer during the war and was killed. Edith was surprised at the resignation displayed by his widow. It convinced her that faith was the answer to many problems in life.

In 1921, when she was a guest of some friends, she picked up in their home the **Autobiography of St. Teresa of Avila**, and did not put it down until finished. When she closed it, she said: "This here is the truth."

Her Mother had taught her to never delay a good positive action, so she went to the village and bought a Catechism and a Missal and studied. She went to her first Mass and later stopped to see the Priest. She simply stated her desire to be baptized. The good Father answered, "One is never baptized until one studies Catholic doctrine." She told him to test her and he did! The Priest was pleased and Edith Stein was baptized on New Year's Day, 1922, at the age of 31. Her new faith brought many tears to her mother, but Edith knew she could not turn back. Truly she had found the Promised Land. The daughter tried to explain to her mother about Jesus, but Mrs. Stein would shake her head and say, "I know he was a good man, but why did he have to call himself God?"

Edith gave up her position at the university and taught at a Catholic School for girls. Edith had enjoyed the friendship of boys and one in particular who however married another. Later, he returned saying he had divorced his wife, and offered her marriage. Edith didn't have to think twice, as she had found God, and this was enough love for all eternity!

She attended Mass and Communion daily and knew she had a calling from God. She asked her

spiritual advisor if she might not become a religious, but he suggested she could best help by staying in the world. So she continued teaching, and in the spring of 1932, she became a lecturer at the Educational Institute in Muenster. Often she would speak on The Sacred Heart of Jesus, His Blessed Mother and one of her favourite saints, St. John of the Cross. Her writings became renowned as she produced some translations of Cardinal Newman's works; then she studied St. Thomas Aquinas and translated some of his works.

When Adolf Hitler became Chancellor of Germany on January 30, 1933, all doors were closed to Jews in professions. Jewish doctors could not treat Gentiles, only their own race, Jewish lawyers could not go to the courtrooms and Jewish teachers could not teach, and because her name was Edith Stein, she was regarded with great suspicion.

Now she was told she could apply to enter the Carmelite Cloistered Covent in Cologne. As was the custom, before entering or applying one had to sing. Singing was not one of her accomplishments, but she sang a Marian hymn called **Bless Thou Mary.** Secretly she prayed to Our Lady saying: "It is all in your hands. dear Blessed Mother." Edith waited to hear from the Sisters. Finally a telegram arrived. It read: **"Joyful Assent. Greetings, Carmel."**

Her last evening was spent with her mother who cried many tears and was now along in years. That night both women could not sleep. Rosa lived with Auguste Stein and cared for her mother tenderly. Yet she knew that Edith had a fine mind, a logical one, and she also began to think about the Christian God. Edith accompanied her mother to the synagogue the following day and kissed her for the last time. She would never see her mother again.

Now she was free to enter Carmel. Often she would write these were the happiest days of her life. She put all her trust in Jesus and His Blessed Mother and many prayers were spoken to St. Teresa of Avila for showing her the way through her great masterpiece of literature. She would never underestimate the power of the pen. Her name now was Sister Teresa Benedicta of the Cross. She also was absorbed in the writings of St. John of the Cross, the Father of her Order and Doctor of the Church and knew she must write a book on this great Saint.

The Nazi party was making life miserable for many in Germany and other countries as well. Sister Teresa Benedicta warned all Sisters not to support this anti-God movement because the time would come when many Religious and handicapped people would also be put to death. The Carmelites felt it necessary to send Sister across the border to the Dutch Carmel of Echt in Holland for her safety. Edith's mother had died in September, 1936, and Rosa decided she would go to Holland also. She joined her Sister Teresa Benedicta and was baptized on Christmas Eve which was one of the happiest days in the life of Edith Stein. Many of her relatives and family had been arrested and some had emigrated.

Soon the Nazi crossed the border to Holland and did the same there to the Jewish people as in Germany. The Bishops of Holland put out a letter in protest over the inhuman treatment of the Jews, and to retaliate, the Nazis entered all monasteries and convents and took out all priests, brothers and sisters of Jewish heritage. Thew came also for Edith and Rosa. Sister Teresa Benedicta wrote: "Human activity cannot help us. But only the passion of Christ. It is my desire to share in it."

Many of the Carmelites knew that Sr. Teresa Benedicta of the Cross had offered her life before the Sacred Heart for world peace and for her people. The two women were taken to the clearing station which was a large concentration camp. There were many confused people, elderly and religious, but what bothered Sister Teresa Benedicta most of all was seeing the innocent children. She prayed with them, told them stories, reviewed the Old Testament and comforted the parents. Rosa too was frightened. They had heard terrible stories about the Auschwitz Concentration Camp in Poland and this was to be their last destination.

The day came when they were taken to the railroad station and while waiting on the platform, Sister Teresa Benedicta saw a former student and shouted: "Look, it is Sister Teresa Benedicta of the Cross. It is Edith Stein! Please tell the sisters at St. Magdalena that I'm travelling eastward!" This was the last time her friends saw her.

We can almost picture the ride to Auschwitz in the crowded train, very little air, no water, so many mentally ill people, all like animals going to the slaughter. When they reached Auschwitz they could smell the stench of it. They, like others, walked through the gates as the bands were playing. There stood a guard deciding which people would live and which would die. The prisoners could see the smoke coming from the crematoriums and smell the burning flesh. (It is stated that Nazi officers going there for the first time vomited their meals many times before they were able to eat, such was the stench of the place.)

Men were sent one way, women and children another. Before entering the gas chambers, their clothes were stripped from them, thrown in a heap to be used by the living. Truly Edith Stein must have known how Our Lord felt as he hung on the cross, the indignity of it all.

It is also possible that Edith Stein must have reminded Rosa that she had offered her life before the Sacred Heart of Jesus for world peace and for their people, the Jews. Edith never thought her prayers would be accepted, but she was able to go to her death with the Jewish people as well as for them, and she had worn the Star of David — which meant Jew — on her habit with great pride. Perhaps she hoped her life would show the perfect harmony that should exist between Christians and Jews.

It is possible, too, as Edith was dying she might have said these words: "He who loves his life, loses it: and he who hates his life in this world, keeps it unto life everlasting. If anyone serves me, let him follow me: and where I am also shall my servants be. If anyone serves me, my Father will honor him." Edith and Rosa Stein met their deaths on August 9, 1942.

Some people say that one of these days Edith Stein might be raised to the Altars of the Church. In fact, initiation of the beatification process was started January 4, 1962. All documents in reference to this courageous lady were forwarded to the Holy See in 1972.



# Pausing, At T

We know that Christ's last gesture upon the Cross was that of making a son known to his mother and a mother known to her son: "Behold your mother ... behold your son."

The importance of this encounter, which has the significance of a testament, is revealed in the words which follow.

"Afterwards, Jesus knowing that all things were now accomplished ..." (John 19:25-30).

This stresses the solemnity of the moment at the close of Christ's life on earth. These words — behold your son... your mother — are laden with an echo which cannot become lost with the passage of centuries.

It is also to be noted that the episode is narrated by John. In relation to time, it appears in the last of the Gospels, toward the end of the First Century. In John, who as attentive to collect, other than the facts, also the profound and permanent message of the gestures of Jesus, we already can see what the faith of the Church was about fifty years after the death of Christ.

The words of Jesus who was dying were engraved upon the heart of the beloved disciple — John himself — and upon the heart of Mary. They also were to remain written indelibly in the hearts of the first disciples and in the Christian community.

For us, too, who have experienced the Lenten season, travelling the hard path that led to Calvary — all of this in order to be united in the commitment of conversion and in the death and resurrection of Christ yes, even for us there is time to pause beside that woman and that disciple at the foot of the cross.

# After Twenty Centuries,
# ...e Foot of the Cross

The feeling of faith of the Christian people, their manifestations of devotion, the doctrine of the Church and her teachings — all give us a very clear idea as to why Mary is our Mother and the need for us to welcome her in such a way as to satisfy Christ's last desire upon the cross.

However, it is interesting to see, and we wish to do this here briefly, how biblical studies of these years have brought — or better still — have highlighted new riches concerning this discussion.

**Mary At Cana And At The Foot Of The Cross**

The evangelist, John, speaks of Mary only twice: at the foot of the cross, as we already have seen, and then at the wedding at Cana. Both of these episodes are found only in his Gospel. An even more interesting fact is that there is a closely-woven cross-reference between one and the other.

Let us start with the language used, as students of the bible say. In both instances, the Virgin is not called by her name of "Mary" but, rather with the title "Mother of Jesus" and "woman." Then, too, "the hour of Jesus" had not yet come at Cana. ("My hour has not yet come," Jesus said to Mary). It is to come on Calvary. In fact, the "hour of Jesus", according to John, is all compressed into one: passion — death — resurrection.

"Before the festival day of the Pasch, Jesus knowing that his hour had come..." ("Father, the hour is come...")

The nuptial feast at Cana is the symbol of the Messianic wedding feast ("The kingdom of heaven is like a king who gave a wedding feast") to which Christ summons us.

The new wine, given in abundance, signifies his Word or salvation and his very Person. ("I am the Living Bread ... he who eats of my Flesh and drinks of my Blood will not die.") This will be manifested in full when his hour has come.

The miracle of the wine "provoked" by Mary would then be an anticipation of the Eucharistic miracle. This, too, is connected with the death and glorification of Jesus. Therefore, the summons of the hour made at Cana is an allusion to Golgotha where Mary enters the scene for a second time.

At Cana, Mary prevailed upon Jesus to complete his first miracle which, as John reveals, "manifests his glory and the disciples believed in him."

This signifies that his faith in Christ also awakened that of the disciples. At the foot of the cross, Mary would be confirmed as being the Mother in perpetuity of all those who, like John, believed in Christ.

The solemn appellation of "woman", which never issued in the Greek language by a son toward his mother, has a community kind of sound, one which is ecclesial. It is laden with significance, drawing both from the Old and the New Testament.

In the Judiac-biblical language, Jerusalem, and also the Chosen People, had been represented constantly under the image of a "woman". Thus, by calling her "woman" ("the Daughter of Sion" — she who is the symbol of the remainder of the faithful of Israel"). Jesus points out in Mary the ideal personification of the New Jerusalem; which is to say, that of the Church.

But it is not only a figure of the Church. Jerusalem was the "mother of the dispersed, assembled in the temple which rose between its walls." The "Mother of Jesus" is the mother of the scattered children of God, united in the new temple in the person of Christ, he whom she garbed with our flesh in the maternal womb. At the foot of the cross, being the Mother of Jesus she is declared to be the "mother" also of those who are only one with Jesus by reason of faith.

Let us glance briefly at the "scheme of revelation" from a literary point of view which is very significant in this excerpt from John. This is to say, the evangelist followed the biblical way of presenting an important revelation.

Let us, once again, read the small verse: "Jesus, therefore, seeing his Mother, and beside her the disciple he loved, said to the Mother: 'Behold your son.' "

There is the seeing of a person on the part of the prophets and, here, on the part of Christ. But "the seeing" is in a prophetic manner, the turning toward him (said to the Mother), the gathering of a precise aspect ("Behold your son." "Behold your Mother.")

Jesus saw the Mother and the disciple not because they are there physically at the foot of the cross but because he sees in them and reveals to us a rapport which had been unknown until that moment of mother and son. Even the language, therefore, gives evidence that the words of Jesus contain a revelation which certainly goes beyond the need of piety and a filial interest in Mary's future.

And what is to be said of the expression: "the disciple he loved?" It indicates a predilection of Jesus for John. (Could he, in fact, be such a disciple, according to tradition?) It could be.

Today, however, understanding much better the wealth of the significance of the Fourth Gospel, we believe:

"The state of him who observes the evangelical Word finds himself in the sphere of Christ's love. The 'disciple Jesus loved,' therefore, would be the type of every disciple who, because of his faith, is loved by Christ." (A. Serra)

The "new" way of understanding this expression harmonizes much better with the words of Christ. The emphatic way of repeating "the disciple" three times in only two verses brings it outside of the realm of a private and domestic relationship with regard to Mary

and the disciple. It depicts the intensity of feeling of that solemn hour; which is to say — a plan for universal salvation.

Mary's maternity preserves an ecclesial dimension if in "the disciple Jesus loved" we effectively recognize the "type" of every faithful believer in Christ and so loved by him.

**Mary Among The Treasures Inherited From Christ**

A last point and, I would say, the most important for our discussion is the tacit but prompt reply of the disciple: "And from that hour, the disciple took her to his own." Or, as it is also translated, "he took her into his home."

The Greek term is a plural which is literally translated: "among his belongings." For this Fourth Gospel, this always signifies a belonging having a religious and spiritual characteristic.

There, it makes little sense to think along material lines that he took her into his house or that he took care of her in a material way. Of what type, then, are the things belonging to him to which the disciple welcomed the Mother of Jesus?

If we keep in mind the fact that it deals with "the beloved disciple of Jesus" — that is, if one thinks of the significance of that expression referred to above, "the things belonging to him", then they are the treasures, the inheritance which comes to him, the disciple of Christ, because of being "loved by Christ", which is to say, in communion of faith with him. The things "belonging to him" are to be identified with faith in Christ, in the vital environment in which the disciple has placed his existence.

From that solemn "hour" — that is, from the hour of Jesus, which is the mystery of his passion and glorification, Mary became for the disciple one of the spiritual well-beings donated to believers from the love of Christ. From that hour, every believer has in common the heavenly Father and his Mother, according to the flesh, with Christ.

"Go to my brethren and say to them: I ascend to my Father and to your Father, to my God and to your God."

"Behold thy son ... behold thy mother..."

All the significance which that brief excerpt offers — one which gives a very rich meaning of Christ who gives us his Mother — changes us in a personal manner. If each one of us was to direct our steps under the cross in John's place, the spontaneous question would be asked: Does Mary truly figure among the good things, the things belonging to us, which we received from Christ? Does she truly have the place of Mother? Or do we retain her as second best?

We will ask no more: we have the courage to reply!

"Many of us live a Christianity of orphans: a little presumptuous and a little sterile; a little cold and a little disincarnate because we do not remember, very well, who was present at the Annunciation and who sang the Magnificat. Nor have we seen who was at Cana, at the foot of the cross and at the Cenacle of Pentecost!" (Lautrec)

# KRONAKA TAS-SANTWARJU



JANNAR:

5. Il-Fergħa Ewkaristika għamlet siegħa adorazzjoni u quddiesa fis-Santwarju ta' Pinu, il-knisja li fiha jżom mu l-adorazzjoni tagħhom f'Għawdex. Din il-laqgħa ta' talb issir f'kull l-ewwel Sibt taxxahar u għaliha jattendu nies minn diversi parroċċi ta' Għawdex.

9. Il-membri Awżiljarji tal-Leġjun ta' Marija, immexxija minn Dun Ġwann Mizzi, għamlu Pellegrinaġġ għal Ta' Pinu fejn saret siegħa adorazzjoni li fiha ħadu sehem attiv il-leġjunarji preżenti.

13. Fl-okkażjoni tal-bidu tal-Missjoni l-Kbira li saret fil-parroċċa tax-Xagħra bejn it-12 u s-26 ta' Jannar 1980, sar pellegrinaġġ mill-komunità ta' Marsalforn għas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Sar talb għas-suċċess ta' din il-Missjoni.

Bħala parti mill-programm tal-Festa tal-Familja organizzata mill-Moviment ta' Kana f'Għawdex, saret Konċelebrazzjoni fis-Santwarju Ta' Pinu. Din il-Konċelebrazzjoni tmexxiet minn Mons. Isqof Nikol Cauchi li għamel ukoll l-omelija taċ-ċirkostanza. Fl-omelija tiegħu, Mons. Isqof tkellem dwar l-ispirtu nisrani fil-ħajja tal-familja. Hu appella wkoll lill-miżżewġin preżenti biex jagħmlu użu mill Moviment ta' Kana.

19. Nhar is-Sibt, 19 ta' Jannar, il-"Pia Unione Madonna Ta' Pinu" organizzat laqgħa ta' talb għall-paċi fil-Bażilika ta' Pinu. Din il-laqgħa ta' talb bdiet b'quddiesa bl-omelija minn Dun Karm Borg li wara mexxa Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla li ntemmet bil-Barka Sagramentali.

FRAR:

2. Fit-3.30 p.m., il-Fergħa Ewkaristika għamlet Siegħa Adorazzjoni u quddiesa fis-Santwarju ta' Pinu. Attendew numru sabiħ ta' nies.

9. Id-Direzzjoni taċ-Ċentru Parrokkjali ta' l-Għarb organizzat laqgħa ta' talb għażżgħażagħ fiċ-Ċentru Kulturali Marjan Ta' Pinu. Numru sabiħ ta' żgħażagħ attendew għal dan il-"prayer meeting". Mexxa l-laqgħa Dun Ġużepp Tabone.

10. Fl-okkażjoni tal-bidu tal-Ġimgħa ta' l-Azzjoni Kattolika, l-

E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi qaddes fil-Bażilika ta' Pinu għar-romol li nġabru hawn mill-parroċċi kollha ta' Għawdex.

15. Bħala parti mill-programm tal-Ġimgħa ta' l-Azzjoni Kattolika, saret Via Sagra ma' l-Għolja t'Għammar. Il-membri ta' l-Azzjoni Kattolika attendew numerużi għal din il-Via Sagra li tmexxiet mill-Assistent Ekkleżjastiku Djoċesan Dun Ġorġ Vella.

17. Fi tmiem il-Ġimgħa ta' l-Azzjoni Kattolika, fis-Santwarju Ta' Pinu saret nofs siegħa adorazzjoni u wara Konċelebrazzjoni. F'din il-Konċelebrazzjoni li tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi, ħadu sehem numru ta' saċerdoti Assistenti Ekkleżjastiċi ta' l-Azzjoni Kattolika.

22. Numru kbir ta' żgħażagħ Għawdxin ħonqu s-Santwarju ta' Pinu għall-ħabta tal-5.00 p.m. Dak in-nhar kellha ssir Via Sagra mill-Bażilika għal ma' l-għolja ta' Għammar, imma billi kien il-maltemp, din saret ġewwa l-knisja. Il-meditazzjonijiet fuq kull stazzjon tal-Via Sagra saru minn diversi żgħażagħ mill-parroċċi kollha ta' Għawdex. F'din l-okkażjoni, kien preżenti u ħa sehem ukoll l-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi. L-Isqof għamel kelmtejn ta' introduzzjoni għal din il-laqgħa ta' talb għażżgħażagħ fl-okkażjoni tal-bidu tar-Randan.

23. L-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi mexxa Via Sagra miz-Zuntier ta' Pinu għal fuq l-Għolja ta' Għammar. Numru sabiħ ta' nies mill-parroċċi kollha ta' Għawdex ħadu sehem f'din il-Via Sagra.

**MARZU:**

1. Minflok siegħa adorazzjoni li soltu tagħmel il-Fergħa Ewkaristika f'kull l-ewwel Sibt tax-xahar, għall-okkażjoni tar-Randan, saret Via Sagra ma' l-Għolja ta' Għammar. Wara kellhom quddiesa fil-Bażilika ta' Pinu.

2. Attività speċjali għar-Randan Imqaddes li organizza l-Kor San Girgor tal-parroċċa ta' Kerċem kienet: Nofs ta' Nhar Flimkien fiċ-Ċentru Kulturali Marjan Ta' Pinu. Il-programm ta' dan in-nofs ta' nhar kien jinkludi: Quddiesa Kommunitarja li fiha ħa sehem il-grupp tal-kitarristi ta' l-istess parroċċa, konferenza u Via Sagra ma' l-Għolja ta' Għammar. Fl istess okkażjoni saret żjara lill-Mużew ta' Carmela Grima. Il-Grupp kien immexxi minn Dun Karm Borg.

Sar Pellegrinaġġ mill-kommunità tal-Knisja ta' Santu Wistin għas-Santwarju ta' Pinu. Il-Pellegrinaġġ intemm b'quddiesa minn Patri Martinjan Cutajar.

Pellegrinaġġ ieħor fl-istess jum sar mill-parroċċa taż-Żebbuġ. Qaddes u għamel l-omelija ta' l-okkażjoni Dun Ġorġ Vella.

8. Il-Moviment Ewkaristiku ta' Għawdex għamel lejl adorazzjoni fis-Santwarju Ta' Pinu. Numru sabiħ ta' nies minn diversi parroċċi ħadu sehem f'din l-adorazzjoni li tmexxiet minn Dun Rużar Borg.

9. Sar pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' l-Għasri. Il-pellegrinaġġ kien immexxi mill-Kappillan Dun Ġużepp Mintoff li mexxa wkoll Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla u Funzjoni Ewkaristika fil-Bażilika Ta' Pinu.

15. Mons. Arċipriet Carmelo Scicluna mexxa pellegrinaġġ mill-parroċċa tal-Katidral għas-Santwarju Ta' Pinu. Hawn saret quddiesa mill-istess Arċipriet għall-parruċċani li ħadu sehem f'dan il-pellegrinaġġ tar-Randan.

## GRAZZI MADONNA . . . GĦAX SMAJTNI!!!

**GĦAWDEX:**

John Saliba; Carmela Buttigieg; Paul Saliba; M'Antonia Attard; Salvina Micallef; M'Antonia Scicluna; Frank Camilleri; George Vassallo; Marlene Cassar; Mike Vella; Katie Sultana; Paula Cini; Carmen Costa; Grace Haber; Clement Cauchi; Anton Mercieca; Emmanuel Grech; Joe Mizzi; Margerita Said; Toni Pace; Ġorġa Cassar; Tarcisia Azzopardi; Carmen Buttigieg; Rita Sacco; Ġużepp Vella; Maria Bonello; Francis Cauchi; Maria Spiteri; Loreta Cordina; Maria Grima; Michael Said; Theresa Sultana; Christine Buttigieg; Michael Saliba; Tonina Mercieca; Doris Grech; Loreta Apap; Lonza Cassar; Antonietta Grima; Francis Bonello; Carmelo Grima; Maria Ellis; M. Caruana; Ġorġ Mercieca; Maria Spiteri; Kurun Muscat; Salvu Sultana; Ġużeppa Galea; Grezzja Sultana; Elizabeth Vella; Rita Vella; Joseph Bajada; John Muscat; Frances Galea; Ġuża Vella; Ġużeppa Cassar; Cristine Cini; G. Vella; Vitor Sultana; Margaret Grima; Angela Mizzi; M. Ġwann Grima; Paula Vella; Rita Cauchi; Frances Said; Ġużepp Sultana; Maria Falzon; Margaret Attard; Frances Micallef; Josephine Farrugia; Rosaria Spiteri; Maria Portelli.

John Grech; Doris Mercieca; Doris Attard; Peter Galea; Rita Vella; Victor Buhagiar; Joe Portelli; Joe Sultana; Lucy Theuma; Ġużeppa Sultana; Doris Sultana; Michael Pace; J. Buttigieg; Ġużeppa Pace; M'Jane Pace; A Grech; Joyce Portelli; Theresa Camilleri; Michael Camilleri; Mary Cauchi; Ġuża Grima; Ġorġa Galea; Cristine Buttigieg; Maria Sultana; Rita Sammut; Josephine Camilleri; Victoria Sultana; M'Assunta Spiteri; Salvinu Spiteri; Maria Spiteri; Teddy Spiteri; Andrew Buhagiar; Rose Cefai; John Bajada; Joe Farrugia; Tony Cutajar; Frank Refalo; Grace Mercieca; Antonia Farrugia; Margerita Curmi; Ursla Vella; Rita Hili; Maria Attard; Joseph Gauci; Rose Sultana; Maria Bugeja; Paula Mercieca; Pupull Buttigieg; E. Zammit; Joseph Formosa; Nazzarena Camilleri; Tony Pace; Ġanna Grech.

Carmela Portelli; Ġużepp Curmi; Margaret Zammit; Tony Curmi; Rita Cauchi; Anthony Attard; J. Cordina; M'Angelo Saliba; Francesco Grech; G. Buttigieg; M'Anne Stellini; Joe Mejlaq; Frances Cassar; Michelina Sultana; Rita Tabone; Charles Xuereb; Mary Cefai; Joe Muscat; Lawrence Tabone; Karmnu Portelli; Bernard Muscat; M. Pace; Rosaria Attard; Frances Buhagiar; M. Cauchi; V. Cauchi; T. Zammit; W. Spiteri; Rose Debono; J. Grech; Angela Hili; Tony Grima; Maria Cauchi.

Emmanuel Tabone; Ġorġ Borg; Judith Formosa; Paul Xerri; Carmela Said; Stella Xuereb; Joseph Portelli; Roseli Cassar; Grezzja Formosa; Grezzio Camilleri; Pauline Vella; Maria Gauci; George Borg; Ċetta Farrugia; Pawla Muscat; Tania Xuereb; Carmen Saliba; Tony Cini; M'Ann Grech; Maria Grech; Karmnu Grech; Konċetta Sultana; Frenċ Mizzi; Francis Xiberras; M. Curmi; Peter Paul Attard; Rita Zammit; Rosaria Spiteri; Vicky Zammit; Agnes Tabone; Maria Grima; Francis Calleja; Silvia Bajada; Ġuża Attard; Joe Azzopardi; Antonia Portelli; Margerita Portelli; Salvinu Cremona; Antoniette Grima; Carmela Dimech; Michael Sultana; Rose Gauci; Tarcisio Zammit; Anna Galea; Frank Camilleri; John Cassar; Joe Camilleri; Theresa Camilleri; Georgia Attard; Mary Pace; Nazzarenu Farrugia; Francis Portelli; John Sciberras.

**MALTA:**

Tessie Bonavia; Mrs. Cooper; Mary Debono; Carmelo Bajada; Mariella Xerri; Frans Vella; Mary Ellul; J. Brincau; Jane Vella; Theuma Family; Joe Schembri; Doris Apap; Ġorġ Frendo; Albert Farrugia; Frank Bonnici; Mary Grech; Salvu Fenech; Carmen Vella.

**AWSTRALJA:**

N.N. Sydney; Carmela Zerafa; Grace Micallef; Rose Bezzina; Carmela Pace; Ġanna Refalo; G. Buttigieg; Carmen Debrincat; Agnes Dingli; J. Muscat; R. Deguara; C. Falzon; Tessie Cuschieri; George Mercicca; Rose Grech; Marisa Camilleri.

**U.S.A.**

Mary Bajada; M'Ann Saliba; Rita Sammut; Carmen Aquilina; Jane Grech; Mary Sammut; Leli Curmi; M'Louise Gafa; Ġorġa Formosa.

## PREŻENTAZZJONI TA' TRABI LILL-MADONNA TA' PINU

Mario Attard — Sannat; Louise Anne Hili — Nadur; Jesmond Pisani — Qala; William Galea — Nadur; Godwin Bugeja — Victoria; Mariella Attard — Victoria; Andrew Camilleri — Fontana; Vanessa Said — Victoria; Joseph Emilio Aquilina — Lia, Malta; Jason Vassallo — Victoria; Anthony Theuma — Victoria; Marion Zammit — Victoria; Fiona GoAnne Grima — Fontana; Angel Azzopardi — Xewkija; Karen Portelli — Victoria; Maria Portelli — Qala; Anny Harey — Victoria; James Muscat — Victoria; Marvic Muscat — Xagħra; Silvan Galea — Żebbuġ; Josette Sultana — Xagħra; Patricia Tanti — Mosta; Baskalino Cefai — Żebbuġ; Claudio Refalo — Sannat; Richard Vella — Żebbuġ; Angie Buttigieg — Nadur; Janette Cauchi — Munxar; Josepha Xerri — Għasri; Alison Mifsud — Qawra, Malta.

## QASSISIN BARRANIN LI QADDSU FIS-SANTWARJU

Fr. Anthony Caruana; Fr. J. Pitrè S.J.; Fr. Raymond Camilleri, OFM, Malta; Fr. Ġorġ Aquilina, Malta; Rev. Fr. Louis Bezzina; Arċ. Euc. Sultana; Fr. Dominic Camilleri, Brażil; Fr. Benjamin Galea OFM; Fr. Alfred Baldacchino OFM; Fr. P. Paul Said; Mgr. Joseph Buttigieg; Rev. Sultana; Rev. Carmelo Borg; Arch. Gius Borg; Fr. Anthony Caruana SDB; Fr. Coronato Grima, Ġibiltà; Fr. Michael Attard; Fr. Paul Cardona; Fr. Joe Mejlak; Fr. Girgor Grech; Fr. Joe Grech; Fr. Tarcisio Camilleri; Can. Gregorio Vella; Rev. F. Xavier Mifsud OSA, Brażil; Fr. Karm Hili; Mons. Francesco Borg; Fr. Salv Muscat; Can. Anton Refalo; Fr. Alfred Sciberras OFM. Malta; Fr. Ġwann Mizzi; Fr. Ch. Borg MSSP.

## ŻWIĠIJIET LI SARU FIS-SANTWARJU TAL-MADONNA TA' PINU

Micheline Attard mix-Xagħra u Frances Vella minn Victoria; Salvu Buttigieg min-Nadur u Luigia Calleja mix-Xagħra; Carmen Camilleri mill-Għarb u Mario Azzopardi mix-Xewkija; Ġorġ Borg minn Victoria u Ewgenia Buttigieg min-Nadur; Mary Galea mill-Għarb u John Cremona minn San Lawrenz; Elizabeth Cassar mill-Għarb u Carmelo Pace minn Kerċem; Teddie Grima u Pauline Mizzi mix-Xewkija; Carmel Cassar minn Victoria u Grace Debrincat mill-Għarb.

**Lil dawn kollha Nifirħulhom u Nawgurawlhom.**

# MARIJA U L-MAGNIFIKAT

(P. BONAVENTURA CAMILLERI, O.F.M. CONV.)

**Il-Kobor tal-Magnifikat:**

Kbira hija din l-Għanja għax ħarġet minn xufftejn Marija Verġni, anzi ħarġet mill-irkejjen ta' qalbHa, imfawwra bl-Ispirtu s-Santu. Immensament ferħet Marija għall-kliem sublimi li qaltilHa Elizabetta: għarfitHa li hija Omm Alla! Setgħet allura Marija tibqa' hawn siekta? Għalhekk kantat Marija l-Għanja tal-Ferħ Tagħha u tar-ringrazzjament Tagħha 'l Alla. Kienet donnha hawn Marija bħala arpa f'idejn l-Ispirtu s-Santu!

**L-Għanja tar-Redenzjoni:**

Fil-Magnificat **jispikka l-misteru tal-Fidwa.** U min aħjar minn Marija seta' jagħraf u jkanta dan il-misteru, għax min iżjed minn Marija ħa sehem fih u kiseb tant ġid permezz tiegħu daqsHa? Min ġie maħbub minn Alla daqskemm ġiet maħbuba Marija? Għalhekk hawn fil-Magnifikat Marija donnha tikxef it-teżori kollha ta' din l-imħabba divina; u tirringrazzja 'l Alla għal din l-imħabba. Fil-Magnifikat Marija donnha tfassal il-Pjan tas-salvazzjoni, li Alla hejja sa mill-eternità, pjan li Marija tarah u ssejjaħlu bħala "ħniena": "Ħa ħsieb Israel, qaddej tiegħu, **ftakar fil-ħniena tiegħu,** bħalma wiegħed lil missirijietna..." (Lq 1, 54-55).

**It-Talba ta' Marija:**

Il-Magnifikat huwa t-talba sublimi ta' Marija. Jekk Ġesù BinHa għallimna nitolbu 'l Alla permezz tal-Missierna; Marija tgħallimna nitolbu 'l Alla: nirringrazzjawH, permezz tal-Magnifikat. Igħidilna San Lwiġi M. Grignion de Montfort li l-Magnifikat huwa t-talba u l-opra speċjali ta' Marija. Huwa l-akbar sagrifiċċju ta' tifħir li rċieva Alla fil-Liġi l-Ġdida, fil-Liġi tal-Grazzja. Min-naħa l-waħda huwa l-għanja l-iżjed umli u rikonoxxenti, u min-naħa l-oħra huwa l-aqwa għanja, l-isbaħ għanja li qatt ħarġet minn **fomm ta' kreatura!** (**Ara: Trattato della vera devozione, n. 255**). Igħid il-Kardinal Foulhaber li l-Magnifikat huwa l-ewwel Innu tal-Vanġelu, huwa t-tislima tat-Testment il-Ġdid; huwa bħala l-addiju tat-Testment il-Qadim: l-aħħar għanja, u l-isbaħ waħda, li ndaqqet mill-arpa ta' Sijon (**Ara: Donne nella Bibbia, p. 211-212**).

**L-Antik Testment u l-Magnifikat:**

Il-Magnifikat għandu elf rabta ma' l-Antik Testment; u ma jistax jonqos, għax il-veru awtur tal-Magnifikat huwa wkoll l-awtur

tat-Testment il-Qadim, cioè l-Ispirtu s-Santu! Fil-Magnifikat hemm imfassla l-istorja ta' Israel il-qadim u ta' Israel il-ġdid: il-poplu lhudi u l-poplu nisrani; is-Sinagoga u l-Knisja! Fl-Antik Testment niltaqgħu ma' ħafna persunaġġi, li kollha kellhom sehem kbir fl-istorja tal-poplu lhudi; persunaġġi li kantaw innijiet ta' diversi għamliet, skond iċ-ċirkustanzi. Hekk għandna l-Innu ta' ringrazzjament ta' Marija, oħt Mosè, wara li l-poplu lhudi qasam il-Baħar l-Aħmar (**Exod.** 15, 20); għandna l-Innu ta' Deborah wara r-rebħa fuq il-Kananin (Ara: **Judic.** 5, 1-32); l-Innu ta' sebħ ta' Anna, omm Samwel (Ara I Lamm. 2, 1-10); kollha sbieħ u qaddisa huma dawn l-Innijiet u l-għanjiet, imma ħdejn il-Magnifikat ta' Marija huma qishom l-għanja tad-dami ħdejn l-għanja tar-Reġina tagħhom. Hawn ukoll nistgħu ntennu dak li jgħid **il-Ktieb tal-Proverbji: "Tu supergressa es universas"** (31, 29): Marija tgħaddi lix-xebbiet l-oħra kollha ta' l-Antik Testment mhux biss fis-sbuħija u fil-qdusija, imma wkoll fil-ferħ u fl-għana ta' qalbHa!

**Il-Magnifikat u l-Benedictus:**

Il-Benedictus huwa l-għanja li Żakkarija, ir-raġel qaddis ta' Eliżabetta, kanta fit-twelid ta' ibnu, Ġovanni l-Battista: "Imbierek il-Mulej Alla, Alla ta' Israel, għax ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu. Qajjem għalina qawwa ta' ħelsien f'dar David, qaddej tiegħu, bħalma wiegħed b'fomm il-qaddisin, il-profeti tiegħu tal-qedem, biex jeħlisna mill-għedewwa tagħna, u minn idejn dawk kollha li jobogħduna, biex jagħmel ħniena ma' missirijietna u jiftakar fir-rabta qaddisa tiegħu, fil-ħalfa li ħalef lil Abraham, missierna, li jagħtina, li meħlusin minn idejn l-għedewwa, naqduh bla biża', bil-qdusija u s-sedqa quddiemu, ħajjitna kollha. U int, tfajjel, tissejjaħ profeta ta' l-Ogħli, għax timxi quddiem il-Mulej, biex tħejjilu t-triq, biex tgħarraf lill-poplu tiegħu triq il-ħelsien fil-maħfra ta' dnubiethom, bil-ħniena kbira ta' Alla tagħna, li biha jżurna d-dawl mill-għoli, biex idawwal dawk li qegħdin fid-dlam u fid-dell tal-mewt, biex imexxi 'l riġlejna fi triq is-sliem" (**Luqa**: 1, 68-79). Dan il-Benedictus ta' Żakkarija jħares lejn **l-imgħoddi**, però li beda jitwettaq **fil-preżent**; waqt li **l-Magnifikat** iħares lejn **il-futur**, jew aħjar iħaddan iż-żminijiet kollha. Kien hemm min qal li l-Benedictus huwa t-talba ta' qabel il-ġlieda, waqt li **l-Magnifikat** huwa t-talba ta' wara l-ġlieda, huwa l-għanja tar-rebħa (**Ara**: **P. Winter**: **Magnificat and Benedictus — Maccabean Psalms**: in Bullettin of the John Reynolds Library, 37, 1954, p. 343).

**Il-Magnifikat huwa ta' Marija jew ta' Eliżabetta?**

Kien hemm min qal li l-Magnifikat mhux Marija kantatu imma Eliżabetta; hekk kitbu Harnack u Loisy; dawn sabu tliet kodiċijiet tal-verżjoni latina (antika) tal-Vanġeli, fejn flok **"et ait Maria"**, hemm **"et ait Elizabeth"**: imma dan jidher li huwa żball ta' l-amanwense (kopista) li ħalla barra l-isem ta' Marija: "et ait (Maria) Elizabeth": "U qalet (Marija) lil Eliżabetta" (**Ara**: il-Kummissjoni Pontifiċja Bibblika, 26 ta' Ġunju, 1912 — Denz. U. 2158). U kif jista' jkun li l-Magnifikat kantatu Eliżabetta, kif Eliżabetta setgħet tattribwixxi lilha nnifisha dak it-tifħir kollu (li hemm fil-Magnifikat)

quddiem Marija, Omm Alla? Mela ftit qabel, Eliżabetta ma stagħġbitx bil-kobor ta' Marija, tant li selmitilHa u qaltilHa: **"Imbierka inti fost in-nisa . . . Imbierka dik li emmnet li jseħħ dak li qalilha l-Mulej"** (Lq. 1:42:45)? U issa Eliżabetta tgħid għaliha nnifisha **"Ara minn issa mbierka jgħiduli l-ġnus kollha"** (Lq. 1:48)!

Jekk il-Magnifikat ġiex kantat l-ewwel darba mill-Madonna jew ukoll kienx jeżisti wkoll qabel, fost **"il-fdal ta' Israel"** (fost l-anawim, cioè l-foqra tal-Mulej), ma tantx għandu mportanza; imma l-importanti huwa li l-Ispirtu s-Santu din l-għanja poġġiha Hu fuq xofftejn (u fil-qalb) ta' Marija: Marija, l-arpa ta' l-Ispirtu s-Santu, kif isejħilha Sant'Wistin (**Ara: De Annuntiatione, Sermo** 194, kap. 2. **PL** 39 - 2105). Fuq kollox il-Magnifikat irid jurina s-sentimenti u l-ħajja spiritwali ta' Marija: sentimenti magħġunin u mibnijin fuq il-kelma ta' Alla, fuq il-pjan divin tas-salvazzjoni tagħna. Marija fil-Magnifikat u bil-Magnifikat tkanta u tfaħħar 'l Alla bi kliem Alla stess, cioè bi kliem l-Iskrittura Mqaddsa! Fuq kollox, il-Magnifikat jintona perfettament mal-misteru ta' l-Inkarnazzjoni u tat-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Il-Magnifikat irid iwieġeb għal din il-mistoqsija: 'Kif dan il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, li huwa l-aqwa ġrajja ta' l-istorja, baqa' bħala ġrajja moħbija?' Inkixef u deher fil-beraħ dan il-misteru fil-Magnifikat u permezz tal-Magnifikat. Igħidilna difatti wieħed marjoloġista ta' żmienna: "Il-miġja tal-Messija hija l-ogħla ġieħ li jitwettaq fl-umiltà l-iżjed profonda. U Marija hija intimament (intrinsikament) marbuta ma' din l-umiltà u ma' dan is-sebħ ... Hi mhix meqjusa bħala sempliċi mara, imma bħala l-personifikazzjoni ta' Israel, li tieħu f'idejha l-wegħdiet tiegħu" (R. Lauretin: Structure et theologie de Luc, I-II, Paris, 1957, p. 83).

Fil-Magnifikat m'għandniex ftit kliem ta' Marija, bħalma nsibu fl-Vanġelu: hekk għandna żewġ kelmiet Tagħha fid-dehra ta' l-anġlu, f'Nazaret: **"Kif ikun dan, la jien ma nagħrafx raġel?"** ... **"Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej: ikunli skond kelmtek"** (Lq. 1, 34-38); darba meta sabet lil Ġesù fost l-għorrief tat-Tempju: **"Ibni, għaliex għamiltilna hekk? Ara, missierek u jien mgħollijin qegħdin infittxuk"** (Lq. 2, 48); u darbtejn fit-Tieġ ta' Kana: **"M'għandhomx inbid ... Dak li jgħidilkom, agħmluh"** (Ġov. 2, 3-5); hawn fil-Magnifikat għandna għanja sħiħa, poema divin, li ħareġ mill-fomm u mill-qalb ta' l-isbaħ u ta' l-eqdes kreatura! Għandna l-għanja li l-isbaħ Għarusa (Marija) tkanta l-ġmiel u t-tjubija ta' l-eqdes Għarus: l-Ispirtu s-Santu! Forsi mhux f'kull tieġ tinstama' xi għanja ħelwa li trid turi u tfisser il-ħlewwa u l-qdusija ta' din ir-rabta? U forsi qatt kien hawn rabta isbaħ u eqdes minn din: dik ta' bejn Alla u Marija? Ekku r-raġuni u t-tifsir tal-Magnifikat!

# FESTI MARJANI FIL-KALENDARJU LITURGIKU MATUL Z-ZMENIJIET

MINN **DUN SALV CAMILLERI**



## L-1 TA' JANNAR: FESTA TA' MARIJA SANTISSIMA OMM T'ALLA

Fl-ewwel jum ta' Jannar, issir is-sollennità ta' Marija Santissima Omm t'Alla. Hija festa antika ħafna fil-Knisja Mqaddsa. Kienet saret wara l-Konċilju ta' Efesu: fil-Lvant, il-jum ta' wara l-Milied, fil-Punent fl-ottava ta' l-istess festa. Il-festi kollha ta' Marija huma ċelebrazzjonijiet tal-Maternità divina tagħha u ma tista' tfaħħar ebda privileġġ, virtù jew silta mill-ħajja tal-Verġni Mqaddsa bla ma ġġib quddiem għajnejk il-bidu u l-għajn ta' kollox: jiġifieri li Marija hija Omm Alla; iżda din il-festa ma kellhiex ġurnata fissa.

Fis-sena 1751, il-Portugall kiseb il-permess mill-Papa Beneditt XIV li jagħmel dil-festa tagħha fit-tielet Ħadd ta' Mejju u li xterdet ukoll fl-Amerika Portugiża (Brażil). Matul is-seklu dsatax, xterdet f'diversi bliet ta' l-Italja u fl-Ingilterra u l-Polonja. Il-Papa Piju IX fl-enċiklika "Lux Viritatis" tal-24 ta' Diċembru, 1931, ordna din il-festa mad-dinja kollha bħala tifkira tal-ħmistax-il ċentinarju tal-

Konċilju ta' Efesu li kien ikkundanna t-tagħlim ta' Nestorju li l-Madonna kienet Omm Kristu bniedem biss u mhux Omm Kristu bniedem u Alla. Fl-enċiklika, il-Papa jsemmi l-ark trijonfali li l-Papa Sistu III (432-440) tella' fil-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore u sebbaħ bid-dekorazzjonijiet tal-mużajk ftit wara l-Konċilju.

Kien iffissa l-11 ta' Ottubru ta' kull sena bħala l-jum tal-festa tagħha u hekk baqgħet sal-1970 meta mar-riforma tal-Kalendarju Ruman, wara l-Konċilju Vatikan II, il-Papa Pawlu VI kien poġġiha fl-1 ta' Jannar jew fl-Ottava tal-Milied. F'Għawdex, din il-festa kienet issir fit-12 ta' Jannar billi fil-11 ta' Ottubru jiġi ċċelebrat l-anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Katidral. Sa mill-1914 kienet tiġi ċċelebrata fl-istess jum tal-11 ta' Ottubru fil-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore, f'Ruma, fid-Djoċesi ta' Loretu, mill-Ordni kollu tas-Serviti u mill-Kongregazzjoni ta' l-Ulied ta' Marija Immakulata.

Hawn ta' min isemmi li, biex nibqgħu nfakkru din il-festa u dan iċ-ċentinarju ġewwa Għawdex, fit-13 ta' Diċembru, 1931, (li kien it-3 Ħadd ta' l-Avvent), kien ġie ikkonsagrat b'sollennità kbira mill-Isqof ta' l-istess gżira, Mons. Mikiel Gonzi, is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu li kien għadu kif inbena. Kienu ħadu sehem il-Kanoniċi tal-Kolleġġjati kollha t'Għawdex u l-kappillani u s-seminaristi. Matul l-ottava kienu mbagħad iffunzjonaw l-istess kolleġġjati, waħda kuljum, u l-parroċċi kollha. "Il-Verġni umli ta' Nazaret li saret Omm il-Prinċep tal-Paċi u li xandar lid-dinja: Henjin dawk li jżommu l-paċi għax huma jissejħu wlied Alla (Matt:5:9) żgur li titolbu bħal ma talbitu f'Kana tal-Galilea biex iferraħ lil dawk l-għarajjes, ma tonqosx li tidħol għalina quddiemu biex tul ħajjitna kollha ngħixu fil-paċi m'Alla u ma' ħutna sa ma naslu fis-sema."

## IT-23 TA' JANNAR: FESTA TAT-TIEĠ TAL-MADONNA MA' SAN ĠUŻEPP

Mhix festa antika ħafna. Bdiet fl-1429 mill-Kanċellier tas-Sorbonna, Ġwanni Gersonè u xterdet f'diversi djoċesi ta' Franza. Qatt ma daħlet fil-Knisja universali iżda kienet tiġi ċċelebrata biss f'xi pajjiżi fosthom Għawdex sal-1913. Fis-Santwarju ta' Pinu, mill-ewwel għasar ta' lejlet dil-festa sa nżul ix-xemx ta' nhar-ha, kienet tintrebaħ Indulġenza Plenarja applikabbli għall-erwieħ tal-Purgatorju minn kull min kien jinvista dil-Knisja u jitlob skond il-fehma tal-Papa. Kienet mogħtija mill-Papa Ljun XIII. F'xi parroċċi ta' Għawdex, kien jitbierek ukoll il-ġellewż u jitqassam lit-tfal tad-duttrina mill-kappillan tal-post. Fil-bidu kienet festa ta' San Ġużepp bħala avukat tagħna quddiem il-Verġni Mqaddsa Marija tant li fil-quddiesa tal-festa tagħha saret talba lill-Madonna (bħal dik tal-festa tagħha) u kienet tingħad ukoll it-talba ta' dan il-glorjuż patrijarka kif kien ordna San Piju V Papa, u wara kien ħareġ digriet għalhekk fl-1736 mill-Kongregazzjoni ta' Ruma.

Il-ħsieb ta' din il-festa hu biex jispikka l-privileġġ li kellha Marija Santissima: li waqt li saret omm baqgħet ukoll verġni bla mittiefsa. Il-għerf u t-tjubija t'Alla riedu li Ġesù jitnissel bil-virtù u l-qawwa ta' l-Ispirtu Santu. San Ġilormu qal li f'Marija hemm il-milja ta' kull grazzja kif kien hemm fi Kristu iżda b'mod differenti

(ittra Matt. Kap. IV 18-21). L-istess duttur ikompli jgħid li dan iż-żwieġ sar (1) biex Ġesù jitwieled tassew min-nisel ta' David, (2) biex Marija ma tiġix imħaġġra mil-Lhud għax kellha iben barra miż-żwieġ, (3) biex ikollha għajnuna fil-vjaġġ tagħha lejn l-Eġittu u fiż-żmien li baqgħet hemm, (4) biex ix-xitan jaħseb li Ġesù twieled minn miżżewġa u mhux minn xebba.

Il-bjuda tal-purità ta' dawn iż-żewġ ġilji kollhom fwieħa ta' virtù, tefgħet fuqhom il-barka tas-sema biex ikunu mudell sabiħ għal kull nisrani fil-mixja tiegħu fit-triq tal-ħajja ta' dejjem.

## 2 TA' FRAR: PREŻENTAZZJONI TA' ĠESU' FIT-TEMPJU U L-PURIFIKAZZJONI TA' MARIJA VERĠNI

Il-Papa Pawlu VI fl-Eżortazzjoni Apostolika "Marialis Cultus" jgħid: il-festa tat-2 ta' Frar li reġgħet bdiet tissejjaħ "Il-Preżentazzjoni tal-Mulej" għandna nqisuha bħala tifkira ta' għaqda bejn l-Iben u l-Omm jekk nifhmu s-sens sħiħ tagħha. Din hija t-tifkira tal-misterju tal-fidwa mwettqa minn Kristu, u li Miegħu kienet magħquda b'mod tal-għaġeb l-Omm tal-Qaddej ta' Yahweh. Huwa jwettaq il-missjoni ta' Israel tal-Qedem u huwa l-mudell tal-poplu ġdid ta' Alla li l-ħin kollu qed jiġi ppruvat fil-fidi u t-tama, permezz tat-tbatija u l-persekuzzjonijiet. (Luqa Kap. 21-35) Issir 40 jum wara t-twelid ta' Ġesù. F'Ġerusalemm kienet diġà ssir fit-tmiem tar-raba' seklu u fis-sena 542 ġiet iċċelebrata fi żmien l-Imperatur Ġustinjanu, mill-Papa Serġju I f'Ruma. Kienet tissejjaħ "Jum San Xmun". Kienet issir proċessjoni minn Sant'Adrian sa Santa Maria Maggiore bħalma kien isir fil-festi l-oħra tal-Madonna. Billi l-proċessjoni kienet issir bil-lejl kien hemm drawwa li jġibu x-xemgħat biex jixgħeluhom. San Bernard igħid li din il-proċessjoni qaddisa saret l-ewwel darba mill-Madonna, San Ġużepp, Xmun u Anna biex wara tixtered mad-dinja għall-ġieħ tal-misteru tat-tisfija ta' Marija. Isemmi l-istess duttur qaddis u jgħid li kien jiġi mbierek in-nar u minnu jinxtegħlu x-xemgħat ta' dawk li jimxu fil-proċessjoni. Dan kien isir fi Franza u fl-Ungerija.

It-tifsir ta' din il-festa hija li d-dawl li nżommu f'idejna jfisser in-nar ta' l-imħabba t'Alla li bih qlubna għandhom ikunu mkebbsa. Nagħtu qima lil Kristu u nagħrfuh bħala d-Dawl tabilħaqq li kif sejjaħlu Xmun f'dan il-misterju: "ġie biex idawwal il-ġnus". Ix-xemgħat juru wkoll li bil-fidi d-dawl Tiegħu jiddi f'ruħna. Ifissru wkoll li bihom għandna nhejju triq għalih bl-opri tajba tagħna li bihom aħna stess insiru dawl għall-bnedmin l-oħra; (Patri Albert Busuttil S.J. "Il-ħajja tal-Qaddisin", VII pg. 94).

F'din il-festa wkoll, min kien jinvista s-Santwarju ta' Pinu mill-għasar ta' lejletha sa nżul ix-xemx ta' l-għada, kien jista' jirbaħ l-Indulġenza Plenarja.

## 11 TA' FRAR: ID-DEHRA TAL-MADONNA F'LOURDES

Il-Papa Piju IX fit-8 ta' Diċembru, 1854, kien xandar id-definizzjoni tad-domma tat-Tnissil bla tebgħa tal-Madonna. Il-Ħamis, 11 ta' Frar, 1858, tfajla fqajra ta' 14-il sena, Bernardette Soubirous,

ħarġet għall-ħabta tal-11 ta' fil-għodu minn darha ma' oħtha iżgħar minnha, Marija, u ma' ħabiba oħra, Ġannina, u marret issib xi ftit zkuk għan-nar.

Lil dix-xebba sempliċi u marradija iżda twajba u nnoċenti, il-Madonna għażlitha bħala strument għall-pjan tagħha. Waqt li kienet tfittex minn fejn tista taqsam ix-xmara Gave, ħasset bħal buffura riħ qawwija żżommha. F'nofs dawl qawwi rat wieqfa fid-daħla tal-għar Sinjura ta' sbuħija barranija u ta' mġieba twajba. Kienet tidher ta' xi 20 sena, la twila u lanqas qasira, b'libsa twila bajda aktar mis-silġ, qaddha marbut b'faxxa lewn is-sema, b'għoqda quddiem u nieżla rduppjata. Rasha kienet mgħottija b'velu abjad, nieżel sa l-art u fuq kull riġel kellha tiddi warda tad-deheb. F'idha kellha kuruna sabiħa tar-Rużarju b'żibeġ bojod minsuġin bid-deheb u bis-salib tad-deheb ukoll. Idejha kienu mgħaqqdin quddiem sidirha u għajnejha fissi lejn is-sema bħal waħda qegħda titlob. F'din l-ewwel dehra, is-Sinjura għallmitha trodd is-salib bid-devozzjoni u waqt li kienet tgħodd iż-żibeġ tal-kuruna, bdiet tħeġġiġha bl-eżempju tagħha ħalli tgħid hija wkoll ir-Rużarju. Fit-tieni jum tad-dehra, it-tfajla bil-parir t'ommha, xeħtet ftit ilma mbierek fuq is-sinjura u hija, bi tbissima ta' ħlewwa, uriet kemm dan kien jogħġobha. Fit-tielet dehra, stiednet lil Bernardetta biex tmur fil-għar għal ħmistax il-jum fuq xulxin u wegħditha hena kbir fid-dinja l-oħra. Is-sinjura f'dawn id-dehriet qaltilha biex titlob għall-midinbin, tbus l-art u tagħmel penitenza; talbitha biex tgħid lill-qassisin jibnulha knisja hemmhekk fejn il-popli jistgħu jmorru jitolbu. Hija wrietha post fil-grotta u qaltilha biex tixrob u tinħasel bl-ilma li minnufih hemm beda ħiereġ. Fl-aħħar, fil-25 ta' Marzu, mitluba minn Bernardetta biex tgħidilha x'jisimha, is-Sinjura b'idejha marbuta u b'għajnejha lejn is-Sema, weġbitha: "Jiena l-Kunċizzjoni Immakulata".

Id-dehriet huma b'kollox tmintax. Il-poplu miġbud mill-egħġubijiet li bdew isiru u l-grazzji li bdew jinqalgħu, beda kull ma jmur dejjem jiżdied minn dehra għall-oħra. L-aħħar dehriet saru quddiem bosta eluf ta' fidili. Il-Papa Piju IX kien ta ndulġenzi lil min iżur l-Bażilika tal-Madonna. Ried ukoll li, b'ċelebrazzjonijiet solenni, tiġi nkurunata l-istatwa tal-Madonna minn Nunzju Apostoliku. Il-Papa Ljun XIII ta ndulġenza plenarja taħt għamla ta' ġublew f'egħluq il-25 sena mid-dehriet tal-Madonna. Fl-1890, ta l-permess li jingħadu l-Uffiċċju u l-quddiesa tagħha fid-djoċesi ta' Tarbes li fiha tinsab il-belt żgħira ta' Lourdes ħdejn il-Pirinej, il-muntanji li jifirdu Franza minn Spanja. Il-Papa S. Piju X, fit-13 ta' Novembru, 1907, ordna li l-quddiesa u l-uffizzju tagħha jsiru fil-Knisja Latina kollha.

Il-Knisja Ommna għażlet dan il-jum biex tfakkarna fid-dehriet tal-Madonna f'Lourdes. Inkattru fina l-imħabba, is-sinċerità, is-sempliċità fil-kliem u fl-imġieba tagħna u l-fiduċja fl-għajnuna tagħha bħal ma għamlet Santa Bernardette. Il-Madonna żaret id-dinja u mlietha bil-grazzji u barkiet tagħha. Ġiet fost uliedha bl-akbar imħabba u tjubija ta' omm biex twaqqaf fosthom l-għamara tagħha, it-tron tal-ħniena kbira kif għamlet f'Loretu, f'Lourdes u anki fostna fl-Għarb, fis-Santwarju ta' Pinu. Is-Santwarji kollha tal-Madonna huma djar spiritwali tal-Verġni Mqaddsa biex kulħadd ikollu okkażjoni jirrikorri lejha.

# Ftit kliem . . . ħafna Tagħlim dwar ir-Rużarju



IL-PAPA PAWLU VI LIT-TFAL

"Ir-Rużarju tagħkom huwa tagħlim fil-pjetà reliġjuża, tagħlim l-aktar sempliċi u popolari u fl-istess ħin l-iktar serju u awtentiku... Mix-xbihat tal-fatti mfakkrin fil-misteri, intom titgħallmu l-istorja tal-ħajja ta' Ġesù u ta' Marija u taslu biex tifhmu aħjar il-veritajiet l-aktar għolja tat-twemmin tagħna, l-Inkarnazzjoni tal-Mulej, il-fidwa li ġabilna, il-ħajja nisranija ta' issa u ta' li ġej... Bir-Rużarju li tgħidu, tistgħu ġġibu faraġ lill-morda, issalvaw lill-moribondi mit-telfien, taqilgħu l-grazzja tal-konverżjoni lill-midinbin, tagħtu għajnuna spiritwali lill-missjunarji, teħilsu lill-erwieħ tal-Purgatorju. Bir-Rużarju tagħkom issiru benefatturi tal-bnedmin kollha".

L-E.T. MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

"Ir-Rużarju huwa mezz biex nikbru fil-karità. Jekk nimmeditaw sewwa l-misteri nintebħu b'dak kollu li għamlu għalina Kristu u l-Madonna; nagħrfu wkoll li dan kien frott tal-imħabba tagħhom għalina l-bnedmin u dan iħeġġiġna biex inħobbu lil Kristu u lill-proxxmu tagħna, kif għallimna Hu."

IL-KARDINAL FLORIT

"Jekk nifhmu sewwa r-Rużarju u nduqu l-ħlewwa tiegħu, jerġa' jsir talba ħajja u attwali. Ikun ta' faraġ kbir fil-mumenti ta' prova ta' dwejjaq jew ta' telqa. Ikun raġġ ta' dawl, ta' konsolazzjoni u ta' tama. Huwa talba li taqbel sewwa għal bnedmin sempliċi kif ukoll għall-għorrief".

L-ISQOF FULTON SHEEN

"Fil-mumenti li fihom id-deni, it-tbatija u l-agonija jagħmlu t-talb diffiċli, inħossuna miġbudin li naqbdu f'idejna l-kuruna tar-Rużarju, sinjal ta' talb, u nressqu idejna lejn is-salib li jinsab imdendel magħha. La darba t-talbiet tar-Rużarju nafuhom bl-amment, joħorġu weħidhom minn qalbna u nieqfu fuqhom bil-ħsieb tagħna, hekk inkunu nwettqu l-ordni tal-iskrittura li nitolbu dejjem. F'dak il-waqt, il-misteri preferiti jkunu l-misteri tat-tbatija għaliex meta jimmeditaw is-sofferenzi ta' Sidna Ġesù Kristu, il-morda jitħajjru

ikompli f'paġna 32

# Fejn hemm l-Imħabba hemm Alla ....
# Fejn hemm Alla hemm dejjem il-JUM

Darba wieħed għaref xiħ staqsa lid-dixxipli tiegħu din id-domanda: "Min minnkom kapaċi jgħidli kif jiddistingwi l-mument eżatt xħin jispiċċa l-lejl u jibda l-jum?"

— L-ewwel wieħed wieġbu u qallu: Meta mill-bogħod tara annimal u tkun kapaċi tagħraf jekk hux nagħġa jew inkella kelb.

— Qabeż l-ieħor u qal: Meta mill-bogħod tara siġra u tkun kapaċi tagħraf hix tina jew ħarruba.

— Qabeż it-tielet wieħed u ħareġ b'din: Meta mill-bogħod tara bini kbir u tkun kapaċi tagħżel hux lukanda jew inkella fabbrika.

— Ieħor qal hekk: meta tara dar kbira ħdejn il-baħar u mill-bogħod tkun kapaċi tagħraf jekk hix villa jew torri.

— Ta' l-aħħar qal: Meta tara tajra fil-għoli tas-sema u tkun kapaċi tgħid hix ħamiema jew gamiema.

Id-dixxipli kollha ppruvaw igħidu xi ħaġa. Kollha taw it-tweġiba tagħhom imma l-ebda waħda ma ssodisfat lix-xiħ. "Ħadd minnkom ma ta tweġiba tajba biżżejjed", u kompla jgħidilhom: "il-mument eżatt xħin jispiċċa il-lejl u jibda l-jum huwa meta fil-wiċċ tal-bniedem kwalunkwe int tagħraf lil ħuk; jekk ma jirnexxilniex nagħmlu dan, tkun xi tkun is-siegħa tal-ġurnata, ikun dejjem bil-lejl."

Fi kliem ieħor ix-xiħ ried igħid li mid-dinja jgħib id-dlam u jiddi d-dawl meta l-bnedmin jibdew iħarsu lejn xulxin bħala aħwa. Fejn hemm l-imħabba biss jeżisti l-veru dawl. Fejn hemm l-imħabba jgħammar Alla u fejn jgħammar Alla hemm id-dawl li jdawwal l-imħuħ u jferraħ il-qlub tal-bnedmin.

---

Jaqbad minn paġna 31

jgħaqqdu t-tbatijiet tagħhom ma' dawk ta' Kristu sabiex kif għandhom sehem fis-salib tiegħu, hekk ukoll ikunu jistgħu jissieħbu fil-qawmien glorjuż tiegħu."

FR. PEYTON, APPOSTLU TAR-RUŻARJU

"Jiena konvint li r-Ružarju fil-familja mhux biss huwa ħaġa tajba, imma l-pedament tal-ħajja tal-familja mogħnija bil qdusija u bil-grazzja".

IL-PAPA LEONE XIII

"Fost il-ħafna suriet u għamliet ta' qima li bihom nweġġħu lill-Omm t'Alla, jekk irridu nsibu dawk li huma l-aħjar fihom infushom u dawk li l-aktar jogħġbuha, insemmu bi pjaċir ir-Ružarju u nirrikkmandawh b'qalbna kollha."

# WARDA LIL MADONNA

KULL ABBONAMENT HUWA WARDA LIL MADONNA.

AKTAR ABBONAMENTI: AKTAR WARD LIL MADONNA.

L-ABBONAMENTI HUMA TURIJA TA' QIMA LIL MADONNA.

**Iġbor Abbonati**

**Għar-Rivista**

**"Madonna ta' Pinu"**

* XERRED DEJJEM L-ISTAMPA T-TAJBA

* ĦAJJAR LILL-OĦRAJN JAQRAW LETTERATURA MARJANA.

N.B. Jingħata tifkira tal-Madonna ta' Pinu lil min jibgħatilna aktar minn żewġ abbonamenti ġodda.

Ibgħat l-indirizzi ta' l-abbonati l-ġodda lil:

Amministratur,

"Madonna Ta' Pinu",

Ċentru Kulturali Marjan,

Ta' Pinu — Għawdex.



IS-SANTWARJU TA' PINU MIBNI WARA LI L-MADONNA KELLMET LIL KARMNI GRIMA.

*"Il-Verġni Marija li mit-tħabbira tal-Anġlu laqgħet f'qalbha u f'ġisimha l-Verb t'Alla u ġabet il-ħajja lid-dinja, hi magħrufa u unurata bħala vera omm ta' Alla u tar-Redentur. Hi stess meħlusa b'mod sublimi, in vista tal-merti ta' Binha u Miegħu marbuta minn rabta iebsa li ma tinħallx, hi mgħonija b'uffiċċju l-aktar għoli u bid-dinjità ta' Omm tal-Iben t'Alla, u għalhekk bint maħbuba tal-Missier u tempju tal-Ispirtu s-Santu: u li minħabba dan id-don tal-grazzja l-aktar għolja tisboq b'mod kbir lill-kreaturi l-oħra kollha fis-sema u fl-art. Hi madanakollu marbuta flimkien mar-razza ta'Adam mal-bnedmin kollha fi ħtieġa tal-fidwa, anzi hi "tassew omm tal-membri (ta' Kristu)....għaliex ikkooperat bl-imħabba għat-twelid tal-fidili tal-Knisja, li ta' dak ir-Ras huma membri". Għal dan hi magħrufa wkoll bħala l-membru singulari u ewlenija tal-Knisja u figura tagħha u mudell l-aktar perfett ta' fidi u ta' karità, u l-Knisja Kattolika, mgħallma mill-Ispirtu s-Santu bl-imħabba ta' pietà ta' bint tivveneraha bħala Omm l-aktar maħbuba".*

*(Mill-Kostituzzjoni Dommatika "Lumen Gentium")*